partit nazzjonalista

# iva, flimkien kollox possibbli

programm elettorali

2008-2013

© Partit Nazzjonalista, 2008

Partit Nazzjonalista
Triq Herbert Ganado
Pietà PTA 1450, Malta
www.pn.org.mt

Pubblikat fi Frar 2007 mill-Pubblikazzjonijiet Indipendenza
Produzzjoni: Uffiċċju Informazzjoni, Partit Nazzjonalista

# Werrej


Daħla ........ 7

**Min aħna u fiex nemmnu ........ 13**
Il-prinċipji politiċi li jħaddan il-PN ........ 14
Viżjoni ċara ta' fejn, flimkien, irridu naslu ........ 14
Fiduċja sħiħa fil-Maltin u l-Għawdxin li kapaċi naslu ........ 14

**L-ambjent, prijorità ewlenija ........ 19**
L-istat nazzjonali ta' l-ambjent ........ 20
L-enerġija, inkluż l-enerġija minn sorsi alternattivi, u t-tibdil fil-klima ........ 20
Il-bilanċ bejn il-kwalità tal-ħajja, il-ħarsien ta' l-ambjent u l-iżvilupp ekonomiku ........ 21

**Inkomplu nbiddlu l-pajjiż: il-viżjoni tagħna ta' fejn irridu naslu sal-2015 ........ 25**
Is-saħħa ........ 26
L-edukazzjoni ........ 28
Il-manifattura u s-servizzi marbuta magħha ........ 29
It-turiżmu ........ 30
Is-servizzi finanzjarji ........ 31
It-teknoloġiji ta' l-informatika u l-komunikazzjoni ........ 32
Għawdex ........ 33

**Inkomplu nbiddlu lil pajjiżna – 353 proposta ........ 37**
**Noħolqu aktar ġid u niżguraw li kulħadd igawdi minnu**
- Bilanċ pożittiv fil-Baġit sal-2010 ........ 38
- Titnaqqas aktar l-*Income Tax* ........ 38
- Inħajru aktar nisa jidħlu fid-dinja tax-xogħol ........ 38
- L-*overtime* jibqa' jitħallas kif jitħallas illum ........ 38

**Miżuri oħra biex inħallu aktar flus fil-bwiet tan-nies**
- Tkompli titneħħa t-taxxa tal-wirt ........ 39
- Titneħħa t-taxxa tat-tluq bl-ajru ........ 39
- Titneħħa t-taxxa tal-*levy* fuq il-*credit cards* ........ 39
- Titneħħa t-taxxa fuq il-liċenzji tat-televiżjoni ........ 39
- Tinbidel it-taxxa fuq il-karrozzi ........ 39
- Naħdmu ma' pajjiżi oħra fl-Unjoni Ewropea biex titnaqqas il-VAT f'ċerti setturi ........ 39

**Aktar xogħol, xogħol aħjar**
- Xogħol fl-ICT, fil-manifattura u servizzi marbuta magħha ... 40
- Xogħol fis-servizzi finanzjarji ... 41
- Inċentivi għan-negozji finanzjati mill-Unjoni Ewropea ... 41
- ...u xogħol fit-turiżmu ... 41
- Proġetti finanzjati mill-Unjoni Ewropea fil-qasam turistiku ... 42
- Xogħol fis-settur marittimu ... 42
- Inċentivi għall-ħolqien tax-xogħol finanzjati mill-Unjoni Ewropea ... 42
- Taħriġ għax-xogħol ... 43
- Rispett u drittjiet fuq il-post tax-xogħol ... 43
- *Red Carpet* flok *Red Tape:* Titneħħa l-burokrazija żejda għan-negozji ż-żgħar u s-*self employed* ... 43
- Għajnuna lill-bdiewa, raħħala u s-sajjieda ... 44
- Għajnuna lis-sajjieda ... 44

**L-edukazzjoni - is-sisien ta' kollox**
- Edukazzjoni ta' kwalità għal kulħadd ... 45
- L-edukazzjoni id f'id mat-teknoloġija avvanzata ... 46
- Appoġġ lill-istudenti u lill-ġenituri ... 47
- L-Università, l-MCAST u istituzzjonijiet edukattivi oħra ... 47

**L-aqwa u l-aħjar għal saħħtek**
- Il-*waiting lists* iridu jispiċċaw ... 49
- Ġlieda lill-mard tal-kanċer ... 49
- Kura qrib il-pazjenti b'servizzi fil-komunità ... 50
- Prezz ġust għall-mediċini ... 50
- Taħriġ għall-professjonisti ... 50
- Bini ta' ċentru ta' rijabilitazzjoni ... 50
- Attenzjoni lis-saħħa mentali ... 50
- Prevenzjoni mill-mard tal-qalb, dijabete u obesità ... 51
- Ċentru ta' l-ogħla kwalità fil-Mediterran ... 51

**Biex anki l-Magħtab iwarrad**
- Nifs lill-ibliet u rħula u nsebbħu l-kampanja ... 52
- Tissaħħaħ l-amministrazzjoni pubblika fil-qasam ambjentali ... 52
- Nagħtu sehemna għax, bħala gżira, it-tibdil fil-klima jolqot lilna wkoll ... 53
    - Azzjoni mill-Gvern ... 53
    - Inċentivi għall-familji u l-privat ... 53
    - Għajnuna għal aktar riċerka ... 54
- Proġetti ambjentali finanzjati mill-Unjoni Ewropea ... 54
- Inħarsu n-natura u l-biodiversità ... 54
- Ħarsien ta' l-annimali ... 54
- Il-kaċċa u l-insib ... 55
- Naqtgħu l-ħela ta' l-ilma ... 55
- Ambjent tajjeb għal saħħitna ... 55
- Nużaw ir-riżorsi b'mod sostenibbli ... 55
- Nirbħu l-isfida ta' l-immaniġġjar ta' l-skart ... 56
- Inkattru l-kultura favur l-ambjent ... 56
- Trasport ... 56
- Proġetti ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea fil-qasam tat-trasport ... 57
- Politika marittima Ewropea: opportunità kbira ... 57

**Biex ħadd ma jibqa' lura**


- Inkomplu nissussidjaw is-*surcharge* fuq l-elettriku ........ 58
- Biex ħafna aktar isiru sidien ta' djarhom ........ 58
- Il-familja fiċ-ċentru tal-viżjoni tagħna ........ 59
- Inkomplu niftħu l-bibien ta' l-opportunitajiet għaż-żgħażagħ ........ 59
- Ngħożżu t-tfal tagħna kollha ........ 59
- Biex ikollna aktar ugwaljanza ........ 60
- L-Anzjani tagħna, kwart tal-popolazzjoni, inkomplu nħarsuhom ........ 60
- Iktar titjib fil-pensjonijiet ........ 60
- Soċjetà mingħajr xkiel, preġudizzju u diskriminazzjoni lejn il-persuni b'diżabbiltà u l-familji tagħhom ........ 60
- Vittmi tad-droga u sustanzi oħra ........ 60


**Serħan tal-moħħ bi Gvern li jisimgħek u jieħu ħsiebek**


- Servizz aktar effiċjenti ........ 62
- Aktar *accountability*
- Aktar trasparenza ........ 62
- Gvern ta' kulħadd li jikkonsulta ma' kulħadd ........ 62
- L-Amministrazzjoni tal-ġustizzja ........ 63
- Jitwaqqaf Laboratorju tad-DNA ........ 63
- Akkademja ġdida tal-Pulizija ........ 63
- 'Tags' elettroniċi fuq akkużati b'reati serji ........ 63
- Jitwaqqaf reġistru tal-ħatja ta' reati sesswali ........ 63
- Titwaqqaf skola fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin ........ 63
- Naġġornaw il-liġi dwar id-droga ........ 63
- Issir liġi dwar il-'parole' ........ 63
- Inkompli nindirizzaw l-isfida ta' l-immigrazzjoni ........ 63
- Ir-rwol ta' l-Armata ........ 64


**Inkomplu ntejbu l-kwalità tal-ħajja**


- Protezzjoni tal-konsumatur u kompetizzjoni ........ 65
- Spinta lill-isport ........ 65
- Stimulu għall-Kulturali Nazzjonali ........ 66
- Jinbnew it-Teatru Rjal u Bieb il-Belt ........ 66
- Tisbiħ u restawr ........ 66
- Tisħiħ ta' l-ilsien Malti ........ 66
- Istitut Kulturali Malti fl-Awstralja ........ 66
- Titnieda Konvenzjoni ta' l-Emigranti ........ 66
- Il-festi, parti mit-tradizzjoni tagħna ........ 67
- Il-ħajja fil-lokalitajiet: qabża ta' kwalità fil-Kunsilli Lokali ........ 67

**Għawdex: ġojjel tal-gżejjer Maltin**

- Biex l-ekonomija Għawdxija tkompli tikber u jinħoloq aktar xogħol ........ 68
- Inwessgħu u ntejbu l-prodott turistiku ........ 68
- Għawdex b'ambjent mudell ........ 68
- Servizzi innovattivi fit-trasport ........ 69
- Edukazzjoni: Ninvestu aktar f'uliedna ........ 69
- Qasam soċjali u saħħa: Naħsbu f'kulħadd ........ 69
- Nizviluppaw ċentru ta' faċilitajiet sportivi ........ 69
- Amministrazzjoni effiċjenti għal Għawdex ........ 69

**Malta tiżboq iċ-ċokon b'sehem kreattiv f'dinja li saret raħal wieħed**

- Ir-reġjun Ewro-Mediterranju li ngħixu fih ........ 71
- L-Unjoni Ewropea li aħna parti minnha ........ 72
- Il-qasam internazzjonali ........ 72

# Daħla

Wasal il-mument li int tagħżel il-Gvern tiegħek għall-ħames snin li ġejjin.

Fi ftit jiem oħra se tagħżel kif tixtieq tgħix int u l-familja tiegħek fix-xhur u fis-snin li ġejjin. Se tagħżel jekk tridx timxi 'l quddiem jew lura.

Wasal ukoll il-mument li jiena nersaq quddiemek bħala Kap tal-Partit Nazzjonalista u Prim Ministru għal dawn l-aħħar erba' snin, biex tiġġudikani bil-vot tiegħek.

Nagħmel dan b'wiċċi minn quddiem għax naf li, anki jekk il-Gvern immexxi minni ma kienx perfett, stinkajna kemm flaħna. U flimkien miegħek ksibna riżultati tajba li minnhom qiegħed igawdi l-poplu Malti u Għawdxi kollu, l-aktar it-tfal tagħna u ż-żgħażagħ tagħna li ftaħnilhom beraħ il-bibien ta' l-opportunitajiet.

Jiena dejjem tlabtek tiġġudikani mhux biss fuq dak li ngħid iżda fuq dak li nagħmel. Fuq dak li wettaqt. Faċli wieħed jitkellem u jwiegħed kollox. Iżda, kif jgħidu, bejn il-kliem u l-fatti hemm baħar jikkumbatti.

U mit-test jgħaddi min wettaq il-fatti.

Qiegħed nersaq quddiemek b'bilanċ ta' ħidma li jiena nqisu bħala pożittiv ħafna. Jekk kulma għamel il-Gvern immexxi minni f'dawn l-aħħar erba' snin kien li nagħti futur aħjar lit-tfal tagħna u liż-żgħażagħ tagħna allura jiena, bħala missier, diġà kuntent u kburi.

Iżda naf li, flimkien, bħala poplu, għamilna ħafna aktar.

Dak li sar ma sarx b'kumbinazzjoni. Sar għax kellna direzzjoni tajba. Sar għax ħdimna lkoll flimkien, anki bis-sagrifiċċju ta' ħafna, biex nimxu 'l quddiem u naslu. U għax ħdimna flimkien kien possibbli li niksbu ħafna riżultati.

Ir-riżultati jidhru:

- Bi sħubija fl-Unjoni Ewropea u issa bl-ewro bħala flusna, ftaħna orrizzonti ġodda għal pajjiżna u għaż-żgħażagħ tagħna.
- Illum il-poplu qed igawdi minn qagħda ekonomika li hija l-aħjar għal dawn l-aħħar snin. Ir-rata ta' tkabbir reali ta' 4% tal-Prodott Gross Domestiku, li kellna matul l-2007, hija l-ogħla rata ta' tkabbir f'ħafna snin.

- Qatt daqs illum ma kien hemm postijiet tax-xogħol u nies f'impjiegi u qatt daqs illum ma kien hawn rata ta' qgħad baxxa. Hawn 168,767 persuna taħdem bi qligħ wara li fl-aħħar erba' snin ħloqna 20,000 post ġdid tax-xogħol.
- Għandna l-ogħla rata ta' investiment barrani u lokali li hija kruċjali biex noħolqu aktar xogħol u xogħol aħjar.
- Il-finanzi pubbliċi huma fis-sod, tant li llum għandna biżżejjed flessibbiltà biex innaqqsu t-taxxi. Niżżilna d-defiċit għal 1.62% tal-prodott gross domestiku filwaqt li għal sentejn wara xulxin naqqasna t-taxxi.
- Komplejna ntejbu s-servizzi soċjali f'kull livell.
- Investejna fis-sistema edukattiva bħal qatt qabel biex uliedna jiżviluppaw it-talenti kollha tagħhom. Illum għandna 14,293 żagħżugħ jistudja fl-Università u l-MCAST.
- Investejna wkoll fis-servizz tas-saħħa bħal qatt qabel. L-Isptar Mater Dei huwa simbolu ewlieni ta' l-impenn tagħna.
- Qatt daqs f'dawn l-aħħar ħames snin ma saru proġetti ambjentali u li jħarsu l-wirt ta' pajjiżna u s-saħħa tagħna. Biżżejjed insemmu r-riabilitazzjoni tal-Magħtab u l-immaniġġjar ta' l-iskart u l-120 proġett ta' restawr u tisbiħ li twettqu fil-bliet u l-irħula tagħna.

Bis-sehem tiegħek wasalna s'hawn u ta' dan nirringrazzjak.

Jiena nemmen li dan għadu biss il-bidu. Flimkien nistgħu nimxu ħafna aktar 'il quddiem.

Jiena l-ewwel wieħed li ngħid li għad fadlilna ħafna x'nagħmlu. Għalhekk nistiednek terġa' tagħti l-fiduċja tiegħek lill-Partit Nazzjonalista biex, flimkien, nagħmlu aktar.

Dan il-pajjiż diġà bdilnieh għall-aħjar. Bil-PN fil-Gvern, fil-ħames snin li ġejjin irridu nkomplu ntejbu l-kwalità tal-ħajja tal-poplu Malti u Għawdxi biex inkomplu dejjem ngħixu aħjar. Irridu li inti jkollok aktar flus fil-but biex tgħix aktar komdu. Irridu li int u l-familja tiegħek tgħixu f'ambjent aktar nadif u b'saħħtu.

Il-viżjoni tiegħi hija li nagħmlu minn pajjiżna ċentru reġjonali ta' l-ogħla kwalità f'numru ta' oqsma fejn diġà wrejna li aħna kapaċi ħafna. Oqsma li jistgħu joffru futur isbaħ lil uliedna.

S'issa ż-żgħażagħ tagħna waħda mill-aktar affarijiet li kienet tkiddhom kienet iċ-ċokon ta' pajjiżna. Ċokon mhux biss fl-ispazju iżda wkoll fil-mentalità. Bil-proġetti ambizzjużi iżda prattiċi tagħna rridu negħlbu anki kull spirtu dejjaq. Irridu nibnu mhux biss SmartCity imma *Smart Island* li l-mezzi tal-komunikazzjoni elettroniċi ta' llum jippermettulna nagħmluh b'riżultat li negħlbu l-iżolament ġeografiku tagħna bħala gżira. Huwa għalhekk li l-qasam ta' l-informatika u l-komunikazzjoni huwa ċentrali fil-ħidma politika tagħna.

Irridu li kulħadd ikun jista' jħares lejn il-futur b'ċertezza li għada se jkun aħjar mil-lum.

B'hekk inwettqu bil-fatti l-prinċipji bażiċi tagħna bħal dawk tas-solidarjetà u l-ġustizzja soċjali fil-libertà li huma l-qofol tal-ħidma politika tagħna.

Il-Manifest Elettorali li qed inressqu quddiemkom mhux lista sħiħa ta' dak li qed naħdmu biex inwettqu u lanqas ma jkopri l-oqsma kollha. Għażilna li niffukaw biss fuq dawk il-proposti li l-aktar inħossu li huma importanti sabiex kull votant ikollu idea ċara ta' x'ifisser vot għall-Partit Nazzjonalista.

Il-programm huwa maqsum f'erba' partijiet. L-ewwel, min aħna u fiex nemmnu. It-tieni, impenn biex inkomplu ntejbu l-ambjent. It-tielet, il-viżjoni tagħna ta' fejn irridu naslu. Ir-raba', pakkett ta' proposti ġodda biex inkomplu nbiddlu pajjiżna.

Flimkien biddilna lil Malta għall-aħjar. Flimkien nistgħu nkomplu nbiddluha.

Nemmen li iva, flimkien kollox possibbli.



Lawrence Gonzi
Prim Ministru u
Kap tal-Partit Nazzjonalista

# Min aħna u fiex nemmnu

# 1

# Min aħna
# u fiex nemmnu

1

Flimkien qed inbiddlu lil Malta. Ejja nkomplu nbiddluha biex inkomplu dejjem ngħixu aħjar

Il-Partit Nazzjonalista jemmen li iva, flimkien kollox possibbli. Biżżejjed wieħed jara minn fejn tlaqna u fejn wasalna llum biex japprezza xi triq twila mxejna. Flimkien, bħala poplu, diġà biddilna l-pajjiż. Konna pajjiż imdendel b'ħajta mad-demokrazija fejn l-aħjar ċans ta' impjieg kien korp tal-Gvern, jiġifieri mħallas ħażin u mingħajr id-drittjiet ta' ħaddiem. Fejn sal-1987 ma kienx jitħalla jidħol kompjuter. Issa sirna pajjiż modern, nazzjon kburi, membru ta' l-Unjoni Ewropea li diġà daħħal l-ewro bħala l-munita tiegħu.

Ħames snin ilu, il-PN kien wiegħed li, fil-Gvern, iwettaq il-mandat tal-poplu mogħti fir-referendum tat-8 ta' Marzu 2003 u jsieħeb lil Malta fl-Unjoni Ewropea. Ħames snin wara ninsabu fil-qalba ta' l-Ewropa u bdejna naqtgħu l-frott ta' sħubija. Pajjiżna qed jgħix Rebbiegħa Ġdida.

Illum, bħala ċittadini Maltin aħna wkoll ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea. Parti minn l-akbar suq fid-dinja miftuħ għall-prodotti u s-servizzi tagħna. Ingawdu minn pakkett finanzjarju ta' viċin il-biljun ewro. Parti miż-Żona Schengen, b'libertà sħiħa li mmorru fejn irridu fl-Ewropa. Parti miż-Żona Ewro, bil-munita Ewropea, l-ewro, li issa sar il-flus tagħna wkoll.

Matul l-aħħar ħames snin, il-PN fil-Gvern sfrutta l-opportunitajiet ta' sħubija u ħadem qatigħ fuq tliet oqsma ewlenin biex jagħtu lill-poplu Malti u Għawdxi kwalità ta' ħajja aħjar: ix-xogħol, l-edukazzjoni u l-ambjent. Ir-riżultati jitkellmu waħedhom. Dan kollu ma sarx b'kumbinazzjoni.

Sar għax fil-Gvern kien hemm partit li tista' tistrieħ fuqu.

Il-PN dejjem mexa fuq politika mibnija fuq tliet pilastri, li huma:

a. Il-prinċipji politiċi li jħaddan,
b. Il-viżjoni ċara ta' fejn, flimkien, irridu naslu u
c. Il-fiduċja sħiħa fil-Maltin u l-Għawdxin li kapaċi naslu.

## Il-prinċipji politiċi li jħaddan il-PN

Il-PN kien u jibqa' jħaddan il-prinċipji ta' solidarjetà, sussidjarjetà, libertà u li l-bniedem huwa ċ-ċentru tal-ħidma politika tagħna. Qatt ma warrabna dawn il-prinċipji u kull ma nagħmlu huwa msejjes fuqhom.

Għax nemmnu fis-solidarjetà aħna naraw li ħadd ma jibqa' lura u li kull kategorija li tħoss ruħha mwarrba, ngħinuha tintegra fis-soċjetà. Qed nagħrfu aktar li s-solidarjetà trid titwettaq ukoll minn issa mal-ġenerazzjonijiet li ġejjin; il-prinċipju tas-sostenibbiltà, jiggwidana biex l-iżvilupp ta' llum ma jiippreġudikax id-drittijiet tagħhom.

Għax nemmnu fis-sussidjarjetà aħna naħdmu f'qafas ta' strutturi, ta' għaqdiet, viċin il-poplu, li jservu lill-bniedem u li jpoġġuh fiċ-ċentru tad-deċiżjonijiet li jolqtuh. Kien il-PN fil-Gvern li daħħal il-Kunsilli Lokali u saħħaħhom għax dejjem emmen fid-demokrazija parteċipattiva.

Fil-libertà, il-bniedem isib il-milja tiegħu. Mhux biss ħelsien minn xkiel iżda libertà, sabiex il-bniedem ikun jista' jilħaq il-milja tiegħu.

Id-dinjità tal-bniedem, ta' kull bniedem, hija l-kejl u l-ġudizzju ta' l-attività politika tagħna.

## Viżjoni ċara ta' fejn, flimkien, irridu naslu

Il-viżjoni tagħna minn dejjem kienet ċara u ambizzjuża. Dejjem konna konvinti li flimkien stajna nagħmluha realtà. Mill-indipendenza sas-sħubija fl-Unjoni Ewropea u issa t-tir li, sal-2015, nagħmlu minn pajjiżna ċentru ta' l-ogħla kwalità f'numru ta' oqsma, jiġifieri li niddistingwu ruħna f'dawn l-oqsma bħala fost l-aqwa fid-dinja. Il-viżjoni tagħna dejjem tat frott kbir lill-familja tagħna u lil pajjiżna u fetħet beraħ l-opportunitajiet għal uliedna. Ħaddieħor dejjem opponiha. Għal ħaddieħor kollox kien impossibbli. Għall-Partit Nazzjonalista kollox hu possibbli.

Il-viżjoni tagħna hija ispirata minn twemmin fl-għeruq tagħna li jagħmluna nazzjon. L-għeruq li jagħmluna min aħna. Il-lingwa tagħna, it-twemmin tagħna, l-istorja tagħna, il-familja tagħna, il-valuri u t-tradizzjonijiet tagħna, il-kultura tagħna. Dan hu li jagħtina l-identità tagħna, dak li jagħmilna s-soċjetà u n-nazzjon li aħna llum.

L-identità tagħna saħħaħniha bi sħubija fl-Unjoni Ewropea li tatna l-ispazju li nimirħu fi spazju kbir u nikbru mal-familja Ewropea tagħna. Aħna nazzjon li għandu vuċi madwar il-mejda tad-deċiżjonijiet li jolqtuh. Li jaf jieqaf għal dak li hu tiegħu. Nazzjon li llum huwa rispettat u li jittieħed bis-serjetà. Qatt daqs illum l-isem u l-identità ta' pajjiżna ma kienu daqshekk rikonoxxuti fl-Ewropa u fid-dinja. Tajjeb nieqfu u niftakru li mhux minn dejjem kien hekk.

Il-familja tagħna hija u tibqa' s-sies tas-soċjetà tagħna. Filwaqt li aħna determinati li nkomplu nsaħħu l-familja, nirrikonoxxu li f'soċjetà li qed tinbidel il-familja kultant taffaċċja diffikultajiet serji. Lesti naħdmu flimkien ma' l-istituzzjonijiet kollha biex ngħinu l-familja taffaċċja l-isfidi tal-ħajja b'mod dejjem li l-interessi ta' l-ulied jingħataw l-ogħla ħarsien.

Imsaħħa minn dawn l-għeruq sodi, flimkien għarafna nikbru u naħsdu l-frott tal-ħidma tagħna. Iżda rridu nkomplu mexjin biex nilħqu livelli dejjem ogħla. Irridu nkomplu ntejbu l-kwalità tal-ħajja tal-poplu Malti u Għawdxi. Irridu li inti u l-familja tiegħek tgħixu dejjem aħjar. Irridu li int u l-familja tiegħek tgħixu f'ambjent aktar nadif u b'saħħtu. Irridu li lil pajjiżna nibdluh f'ċentru ta' l-ogħla kwalità  f'dawk l-oqsma li aħna, bħala poplu, kapaċi l-aktar fihom. Dan biex ngħixu aħjar u biex ikollna aktar xogħol u xogħol aħjar.

L-iżvilupp kostituzzjonali ta' pajjiżna issa ħa ħajja ġdida. Jibqa' l-fatt, iżda, li l-Kostituzzjoni ta' Malta tista' tirrifletti aħjar iċ-ċirkustanzi u l-ħtiġijiet tas-soċjetà ta' llum. Għaldaqstant għandna nfittxu modi ta' kif il-Kostituzzjoni tiġi aġġornata bl-aktar kunsens wiesa' possibbli.

Bid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona li Malta għadha kemm irratifikat, il-Parlament Malti wkoll qed jevolvi fi struttura aktar impenjata fit-teħid tad-deċiżjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea. Wasal iż-żmien li l-Parlament Malti jiġi msaħħaħ filwaqt li jiżdidulu r-riżorsi. B'hekk inkomplu nsaħħu d-demokrazija u t-trasparenza.

Għaldaqstant, il-viżjoni tal-PN għas-snin li ġejjin hija li, billi nkomplu nisfruttaw sal-massimu sħubija fl-Unjoni Ewropea, nilħqu l-ogħla kwalità, l-aqwa u l-aħjar, f'numru ta' oqsma fejn urejna li aħna l-aktar kapaċi. Dawn huma:

1. Is-servizzi tas-saħħa
2. Il-qasam edukattiv
3. Il-manifattura u s-servizzi marbuta magħha
4. Il-qasam tat-turiżmu
5. Is-servizzi finanzjarji
6. L-informatika u l-komunikazzjoni

F'dawn is-sitt oqsma diġà wrejna li għandna l-ħila u l-kapaċità li nagħmlu kisbiet importanti ta' ġid għall-poplu tagħna. Iżda issa rridu nagħmlu passi oħra 'l quddiem u aktar ambizzjużi biex, f'kull wieħed minnhom, insiru jekk jista' jkun l-aħjar f'dan ir-reġjun, ċentru magħruf li jiġbed l-attenzjoni ta' kulħadd, li jattira l-interess u l-investiment.

Irridu nassiguraw ukoll mhux biss li Għawdex u l-Għawdxin igawdu l-benefiċċji ta' din il-viżjoni, iżda li Għawdex ikun ingredjent importanti fit-twettiq tagħha.

Din il-viżjoni tfisser li int u l-familja tiegħek ikollkom l-awqa u l-aħjar fis-saħħa, l-edukazzjoni, fix-xogħol u fil-kwalità tal-ħajja. U iva, nafu li, flimkien, dan huwa possibbli.

**Fiduċja sħiħa fil-Maltin u l-Għawdxin li kapaċi naslu**

Hu essenzjali li jkollna viżjoni ċara. Iżda mhux biżżejjed li jkollok viżjoni u taf fejn trid tasal. Irid ikollok ukoll il-ħila li tikkomunikaha lill-poplu biex issir il-viżjoni ta' kull wieħed u waħda minna. Irid ikollok l-għaqal biex tassigura l-bidla bla skossi f'qafas ta' stabbiltà. Irid ikollok il-konsistenza u d-determinazzjoni li twettaqha. U fuq kollox trid temmen u jkollok fiduċja sħiħa fil-poplu li kapaċi jasal.

Il-PN dejjem kellu fiduċja fil-ħila tal-poplu li jasal. Lill-poplu qatt ma qatagħlu qalbu. Qatt ma qallu li mhux tajjeb. Anzi dejjem xprunah biex jagħmel passi 'l quddiem, wieħed wara l-ieħor.

Għax għandu fiduċja fil-poplu, il-PN dejjem fittex li jagħti żvog biex il-bniedem javvanza. Qatt ma żammu lura. Dejjem fittex li jagħtih l-għodda biex jaħdem, biex jimxi 'l quddiem. Fl-istudju, fis-snajja', fix-xogħol, fis-soċjetà. B'differenza għal ħaddieħor, il-PN iħaddan politika li l-Gvern għandu jiftaħlek il-bibien u jħallik timrah. Li jappoġġja iżda jindaħal mill-anqas. Li jifhem li d-dinja qiegħda tinbidel u flok jirreżisti l-bidla u l-progress joħloq opportunità minnhom. Li taf fejn qiegħed miegħu u li tista' tistrieħ fuqu. Għall-PN, l-akbar suċċess huwa li llum inti u l-familja tkunu f'pożizzjoni aħjar minn qatt qabel, li tiżviluppaw il-potenzjal sħiħ tagħkom mingħajr bżonn li titkarrab lill-Gvern għal xogħol f'xi korp, għal xi post fl-Università jew saħansitra għal xi sett tat-televiżjoni, għal xi telefon jew għal xi bozza fit-triq.

Illum il-PN jibqa' jemmen fil-ħila tal-poplu u għalhekk qiegħed jistiednek biex, flimkien, inkomplu l-vjaġġ li qbadna. Lejn orizzonti ġodda u aktar ambizzjużi. Lejn viżjoni ta' pajjiż fost l-aqwa fir-reġjun.

Iva, flimkien qed inbiddlu lil Malta.

Iva, flimkien nistgħu nkomplu nbiddluha.

Iva, flimkien kollox possibbli.

# L-ambjent, prijorità ewlenija

# 2

# L-ambjent, prijorità ewlenija

2

L-ambjent huwa prijorità ewlenija.

Għalkemm f'dawn l-aħħar ħames snin twettqu l-akbar ammont ta' proġetti ambjentali li qatt saru f'pajjiżna, aħna konxji mill-fatt li dak li wettaqna mhux biżżejjed. Nagħrfu li f'xi oqsma ma lħaqniex daqskemm jistenna l-poplu tagħna llum. Iżda jibqa' l-fatt li qatt daqs illum ma kellna Gvern li ġab kuxjenza dwar l-ambjent. Tiġi waħedha, wara kollox, li aktar ma l-poplu jiġi edukat u mgħarraf dwar l-istat ambjentali ta' pajjiżu aktar jistenna u jinsisti għal titjib. U bir-raġun. Għalkemm għamilna passi importanti 'l quddiem, irridu nagħmlu ħafna aktar. Aħna konxji mill-fatt li l-iżvilupp sostenibbli jeħtieġ bilanċ li mhux dejjem faċli li jintlaħaq. Konxji wkoll li f'dan il-qasam irridu nġibu bidla sħiħa fil-mentalità u fil-kultura ta' kif naħsbu, nippjanaw, naħdmu, naqilgħu l-flus u kif ngħixu.

Huwa għalhekk li fil-ħames snin li ġejjin, aktar minn qatt qabel, se npoġġu l-ambjent fiċ-ċentru tal-ħidma politika tagħna. Se nintegraw l-ambjent mhux biss fid-dehra ta' pajjiżna iżda anki fil-ħajja soċjali tagħna kif ukoll fl-ekonomija u l-agrikoltura. Se nindirizzaw id-defiċit ambjentali ta' pajjiżna u nintrabtu li, bħalma niżżilna d-defiċit finanzjarju u poġġejna l-finanzi ta' pajjiżna fis-sod, hekk ukoll inniżżlu d-defiċit ambjentali u npoġġu s-saħħa ambjentali ta' pajjiżna fis-sod ukoll.

Irridu u jeħtieġ li dan nagħmluh flimkien. Għaldaqstant, il-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali, l-MCESD, se nagħtuh ukoll il-mandat li jpoġġi d-dimensjoni ambjentali fil-proċess ta' djalogu soċjali. L-għaqdiet ambjentali għandhom ikunu involuti f'dan id-djalogu.

L-isfidi li għandna quddiemna huma kbar. Biżżejjed insemmu l-prezz taż-żejt li laħaq $100 kull barmil u li jista' jkompli tiela'. Insemmu r-riżors skars ta' l-ilma. Insemmu l-bidla fil-klima li taffettwa lil pajjiżna direttament bħala gżira. Insemmu wkoll l-isfida ta' kif għandna nużaw l-ispazju limitat f'pajjiżna biex insibu bilanċ bejn il-kwalità tal-ħajja, il-ħarsien ta' l-ambjent u l-iżvilupp ekonomiku.

Jeħtieġ li l-isfidi ambjentali nsarrfuhom f'opportunitajiet. Fost l-opportunitajiet hemm ir-riżorsi tal-baħar li għandna madwarna, l-enerġija mix-xemx, mir-riħ, it-teknoloġija ekoloġika ġdida u saħansitra materjal riċiklat.

Inkomplu nwieżnu lill-familji l-aktar fil-bżonn fuq il-kontijiet tad-dawl u l-ilma kif diġà nagħmlu ma' madwar 30,000 familja. Jeħtieġ li nevitaw soluzzjonijiet fiergħa, bħalma hi l-idea falza li nnaqqsu s-*surcharge* b'mod li mhux sostenibbli billi naħbu mill-poplu l-prezz veru li qed iħallas il-pajjiż għaż-żejt. Il-Partit Laburista ma jistax ikun kredibbli meta jagħmel din il-proposta għax meta kien fil-Gvern għaxar snin ilu żied il-kontijiet tad-dawl u l-ilma u ġabhom ogħla milli huma llum bis-*surcharge* b'kollox. Iżda hemm raġunijiet oħra:

- L-ewwelnett, il-prezz taż-żejt mhux fiss u ħadd ma jista' jgħid kemm se jkun fiż-żmien li ġej.
- It-tieni għaliex dan il-ħabi ma jħalliniex niffokaw fuq soluzzjonijiet ta' sorsi ta' enerġija alternattiva u konservazzjoni ta' l-elettriku u ta' l-ilma.
- It-tielet għaliex kull ma jiġri b'hekk huwa li dak li l-konsumatur ma jħallasx fuq is-*surcharge*, xorta jħallsu jew b'rati aktar għolja fil-kont li jirċievi d-dar kif kien diġà għamel il-Partit Laburista bejn l-1996 u l-1998, jew b'taxxi oħra.
- Ir-raba' għaliex lil dawk il-familja li investew f'*energy saving lamps* u f'enerġija alternattiva kif ukoll dawk il-familji li jibżgħu għad-dawl u l-ilma jiġu kkastigati għal min jaħli. Fi kliem ieħor, bit-taxxi tiegħek tkun qed tissussidja lil min jaħli.
- U fl-aħħar għaliex miżura bħal din tiswa flejjes kbar li jistgħu jintużaw f'mod ferm aħjar jekk jitpoġġew f'miżuri li jistgħu jistimulaw l-attività ekonomika, joħolqu x-xogħol u jkattru l-ġid bħalma huma l-pakkett ta' miżura proposti mil-PN f'dan il-programm.

Se nkomplu bir-ritmu tal-proġetti ambjentali iżda se niffukaw il-ħidma tagħna l-aktar fuq tliet oqsma f'mod partikolari:

- L-istat nazzjonali ta' l-ambjent
- L-enerġija, inkluż l-enerġija minn sorsi alternattivi, u t-tibdil fil-klima
- Il-bilanċ bejn il-kwalità tal-ħajja, il-ħarsien ta' l-ambjent u l-iżvilupp ekonomiku.

### L-istat nazzjonali ta' l-ambjent

Irridu titjib aktar qawwi fl-istat u l-ħarsien ta' l-ambjent.

Irridu li l-istat ta' l-ambjent nazzjonali jkompli jkun suġġett ta' Rapport Annwali b'miri li jridu jintlaħqu kull sena. Dan ir-rapport jiġi diskuss f'seduti speċjali tal-Parlament filwaqt li l-Kabinett tal-Ministri għandu jieħu l-miżuri biex jiġi żgurat il-progress meħtieġ.

Irridu li, wara li wrejna li konna kapaċi nimplimentaw strateġija effettiva dwar l-immaniġġjar ta' l-iskart, nintrabtu li nieħdu din l-istrateġija f'fażi aktar avvanzata sakemm l-isfida ta' l-iskart tkun kompletament ikkontrollata. Irridu wkoll nilħqu l-livelli Ewropej fl-oqsma l-oħra kollha tat-tniġġiż, iżda speċjalment it-tniġġiż ta' l-arja, l-ilma u l-baħar.

Irridu niffukaw b'mod partikolari fuq id-dritt tar-residenti għat-tgawdija tal-proprjetà tagħhom u nħarsuhom aktar mill-impatt ta' l-industrija tal-kostruzzjoni, speċjalment għal dawk li huma t-tniġġiż ta' l-arja u l-ħsejjes.

Fuq kollox, irridu nsaħħu l-infurzar ambjentali filwaqt li nkomplu nkattru l-edukazzjoni favur kuxjenza ambjentali.

F'dan kollu rridu nġibu lil kulħadd flimkien. Is-settur pubbliku mas-settur privat u mas-soċjetà ċivili. Flimkien biss nistgħu niżguraw livell ambjentali li jixraq lil pajjiżna.

**L-enerġija, inkluż l-enerġija minn sorsi alternattivi, u t-tibdil fil-klima**

Irridu nagħtu sehemna fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima għaliex din taffettwa lilna u lil uliedna b'mod dirett. Il-pajjiżi membri ta' l-Unjoni Ewropea, fosthom Malta, għadhom kif nidew strateġija b'miri fissi għall-iżvilupp ta' enerġija alternattiva li tista' tiġġedded.

Għalina dan se jfisser li sal-2020 irridu nnaqqsu l-emissjonijiet ta' diossidu karboniku ($CO_2$) b'20% u nilħqu l-mira li 10% ta' l-enerġija tkun iġġenerata minn sorsi alternattivi. Dan se jfisser li rridu ninvestu bil-kbir u nħarsu lejn sorsi differenti ta' enerġija, fosthom, ix-xemx u r-riħ.

Irridu li l-Gvern ikompli jagħti l-eżempju billi jgħammar aktar bini pubbliku, inkluż skejjel, sptarijiet u toroq b'sistemi li jużaw enerġija alternattiva, filwaqt li fix-xiri tiegħu (*green public procurement*) il-Gvern jagħti vantaġġ lil kumpaniji li joffru prodotti u soluzzjonijiet ambjentalment superjuri.

Irridu ninvolvu direttament kull familja u lis-settur kummerċjali biex niċentivawhom jużaw anqas enerġija li ġejja miż-żejt u jinvestu f'enerġija aktar nadifa u saħansitra nbigħu l-enerġija żejda ġenerata minn sorsi alternattivi lill-grid nazzjonali b'rati aktar attraenti milli kellna s'issa.

Irridu nagħmlu evalwazzjoni ta' l-istat tal-konservazzjoni ta' l-ilma tax-xita f'Malta u naġġornaw il-politika tal-pajjiż għall-akbar ħażna ta' ilma tax-xita possibbli.

Irridu ninvolvu wkoll lis-settur privat, inkluż permezz ta' *public private partnerships* biex insostnu proġetti ta' interess nazzjonali marbuta mal-ġenerazzjoni ta' sorsi alternattivi ta' enerġija kif ukoll biex inħajru "intrapriżi ħodor" jiftħu f'Malta. Irridu niżguraw li l-privat ikun involut fil-proġetti, li għalihom diġà ġew allokati mal-€33 miljun, għal skemi li jħajru l-użu ta' enerġija nadifa.

It-tfittxija għal sorsi alternattivi ta' enerġija m'għandhiex titqies bħala piż. Għandha titqies bħala opportunità li tattira investiment ġdid, issaħħaħ ir-riċerka, ittejjeb il-kwalità tal-ħajja, tippermetti lill-familji Maltin jiffrankaw il-flus waqt li titnaqqas id-dipendenza ta' pajjiżna fuq iż-żejt impurtat li l-prezz tiegħu dejjem qed jogħla.

**Il-bilanċ bejn il-kwalità tal-ħajja, il-ħarsien ta' l-ambjent u l-iżvilupp ekonomiku**

M'hemmx dubju li rridu nsaħħu aktar l-amministrazzjoni pubblika fil-qasam ambjentali biex dan il-bilanċ insibuh tassew. Dan jgħodd b'mod partikolari għall-MEPA, li trid tkompli ssir aktar addattata għaċ-ċirkustanzi ta' llum. Il-MEPA diġà biddlet il-mod ta' kif jingħataw il-permessi għall-iżvilupp f'pajjiżna minn wieħed magħluq u mimli irregolaritajiet għal wieħed aktar miftuħ u organizzat. Għalkemm ma nistgħux ngħidu li aħna kuntenti bis-sitwazzjoni fil-MEPA, anke l-akbar kritiċi tagħha jaqblu li l-affarijiet tal-mistħija ta' żminijiet Gvernijiet Laburisti tat-tmeninijiet spiċċaw darba għal dejjem.

Issa rridu nagħmlu qabża oħra kbira ’l quddiem sabiex niżguraw li din l-Awtorità tirrispondi tassew għal dak li huwa mistenni minnha f’pajjiż li tassew għandu l-ambjent fil-quċċata nett tal-prijoritajiet tiegħu.

Għaldaqstant il-PN qiegħed jipproponi riforma tal-MEPA li tkun mibnija fuq dawn il-linji gwida:

- Li tiżdied aktar l-effiċjenza skond miri stabbiliti;
- Li nkomplu nżidu t-trasparenza u l-*accountability* sabiex neliminaw għal kollox kull dell jew xamma li jista’ jkun hemm ta’ prattiċi irregolari, remoti kemm huma remoti;
- Li niżguraw li jonqsu l-inkonsistenzi fid-deċiżjonijiet sabiex ħadd ma jħoss li ġie trattat differenti minn ħaddieħor;
- U fuq kollox, li nsaħħu l-infurzar biex naslu darba għal dejjem għal infurzar serju u effettiv u tiġi eliminata darba għal dejjem l-idea li wieħed jista’ jagħmel li jrid u jgħaddiha lixxa.

Ir-riforma tal-MEPA fuq dawn il-linji hija kruċjali. Għalhekk, ir-riforma tal-MEPA se titqiegħed taħt ir-responsabbiltà diretta tal-Prim Ministru.

Irridu li jkun hemm fil-prattika ta’ kuljum distinzjoni netta bejn applikazzjonijiet għal tibdil jew żvilupp ta’ natura żgħira f’residenzi jew negozji diġà eżistenti, u applikazzjonijiet ta’ żvilupp ġdid jew mill-ġdid ta’ spazji. Irridu li nattakkaw il-burokrazija bla bżonn.

Irridu involviment dirett tas-soċjetà ċivili fil-MEPA. Fl-istruttura tal-MEPA għandu jingħata aktar spazju għal konsultazzjoni diretta ma’ għaqdiet non-governattivi u għas-soċjetà ċivili, inkluż ir-residenti, qabel jittieħdu deċiżjonijiet li jolqtu għadd kbir ta’ nies fuq bażi lokali jew nazzjonali. Bl-istess mod, is-soċjetà ċivili tingħata aktar spazju f’*public hearings* u inizjattivi oħra ta’ konsultazzjoni, bħal *environmental impact assessments* fejn is-soċjetà ċivili għandha tkun involuta b’mod li tikber it-trasparenza u l-fiduċja fir-riżultati ta’ dawn l-istudji.

Irridu li hekk kif jerġa’ jiltaqa’ l-Parlament ikunu diskussi u approvati l-emendi fil-liġi li ġew ifformulati wara diskussjonijiet mal-NGOs sabiex ikollna aktar trasparenza, aċessibbiltà u infurzar. Kwalunkwe reviżjoni fl-operat tal-MEPA ssir bi djalogu sħiħ mal-NGOs. Irridu nwaqqfu Fond għall-Kampanja fi sħubija mas-soċjetà ċivili u l-privat biex tkun tista’ tiġi akkwistata art barra l-konfini biex tiġi ritornata għall-istat naturali tagħha u titħalla għat-tgawdija tal-pubbliku u tal-ġenerazzjonijiet futuri.

Irridu nsaħħu wkoll l-ġieda kontra l-bini illegali barra mill-konfini.

# Inkomplu nbiddlu l-pajjiż: il-viżjoni tagħna ta' fejn irridu naslu sal-2015

# 3

# Inkomplu nbiddlu l-pajjiż: il-viżjoni tagħna ta' fejn irridu naslu sal-2015

3

Anqas minn erba' snin ilu, fl-1 ta' Mejju 2004, għamilna pass ieħor fit-triq li konna bdejna flimkien fil-21 ta' Settembru 1964. Matul dawn l-40 sena l-PN, flimkien mal-poplu Malti, fassal u sawwar id-destin ta' pajjiżna bħala pajjiż demokratiku, liberu, Ewropew mibni fuq il-ħarsien u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem.

Illum ninsabu fuq l-għatba ta' kapitlu ġdid fl-istorja ta' pajjiżna. Issa rridu niddeċiedu, fuq il-pedamenti li bnejna, kif se nkomplu nsaħħu u nsebbħu lil pajjiżna.

Flimkien bdejna l-mixja tagħna bħala pajjiż membru fl-Unjoni Ewropea u llum bdejna naqtgħu l-frott ta' sħubija.

Fl-aħħar ftit snin bnejna toroq ġodda u ta' kwalità. Bnejna skejjel ġodda għat-tfal tagħna, lestejna l-Isptar Mater Dei, tejjibna s-servizzi f'San Vinċenz, bnejna dar ta' l-anzjani ġdida fil-Mellieħa filwaqt li tejjibna bil-kbir ir-Residenza San Vinċenz de Paule.

Ħajjarna investituri jiġu Malta u jiftħu l-fabbriki tagħhom u ħloqna eluf ta' postijiet tax-xogħol ġodda għall-ħaddiema kollha, inkluż għall-ħaddiema li tilfu x-xogħol għaliex il-fabbrika tagħhom marret x'imkien ieħor fejn iħallsu pagi baxxi. Ħloqna eluf ta' impjiegi f'oqsma ġodda, inkluż fl-oqsma tat-tekonoloġija, tal-farmaċewtika, ta' l-inġinerija, tas-servizzi finanzjarji, tas-servizzi turistiċi u dawk tal-*call centres*.

Wettaqna dan kollu u fl-istess ħin ġibna l-finanzi ta' pajjiżna fis-sod u minkejja l-mewġ ekonomiku fid-dinja bi sfida bħaż-żidiet kbar fil-prezz taż-żejt. Ksibna l-aqwa ċertifikati mingħand il-Kummissjoni Ewropea u aġenziji internazzjonali li l-finanzji tagħna huma fis-sod. Daħħalna l-ewro li bih pajjiżna se jkompli jkun aktar attraenti għall-investiment.

Għamilna ħafna. Iżda għalina dan mhux biżżejjed. Issa rridu nħarsu lejn il-ġejjieni għax issa wasalna fil-fażi li jmiss fl-iżvilupp soċjali u ekonomiku ta' pajjiżna.

Issa, dak li diġà qegħdin nagħmlu tajjeb, irridu nibdew nagħmluh aħjar. Dak li jinsab fl-għeruq tas-suċċessi tagħna, irridu nkomplu insostnuh biex insiru l-aqwa u l-aħjar fil-Mediterran u fl-Ewropa.

Huwa għalhekk li qed inpoġġu viżjoni ċara ta' fejn irridu naslu sal-2015. U fiċ-ċentru tal-viżjoni tagħna hemm int u l-familja tiegħek. Hemm Malta u Għawdex tagħna.

Il-viżjoni tagħna hi din: li int u l-familja tiegħek tgħixu kwalità ta' ħajja aħjar. Tgħixu aħjar permezz ta' aktar xogħol u xogħol aħjar; permezz ta' servizz tas-saħħa mill-aqwa; permezz ta' sistema edukattiva ta' l-ogħla livell li biha t-tfal u ż-żgħażagħ tagħna jirnexxu; permezz ta' xibka soċjali ġusta u permezz ta' ambjent aħjar.

Għaldaqstant għażilna numru ta' osqma li fihom nilħqu l-ogħla kwalità, insiru fost l-aqwa u l-aħjar u li fihom nistgħu niddistingwu ruħna minn ħaddieħor. Għażilna sitt oqsma li fihom irridu nispeċjalizzaw, għaliex diġà għandna vantaġġi importanti fihom. Dawn huma:

- Is-servizzi tas-sħaħa,
- Il-qasam edukattiv,
- Il-manifattura u s-servizzi marbuta magħha,
- Il-qasam tat-turiżmu,
- Is-servizzi finanzjarji,
- L-informatika u l-komunikazzjoni

F'dawn l-oqsma diġà wrejna li aħna kapaċi. Iżda issa rridu nagħmlu l-pass li jmiss u nagħmlu mill-pajjiż ċentru ta' l-ogħla kwalità, l-aqwa u l-aħjar,  li jiġbed l-attenzjoni ta' kulħadd, li jattira l-interess u l-investiment ta' ħaddieħor.

Il-viżjoni tagħna tgħodd għal Malta u għal Għawdex. Biss, irridu nagħtu spazju speċjali għal Għawdex, gżira reġjun, sabiex negħlbu l-isfidi partikolari tagħha u ngħinu l-Għawdxin igawdu minn sehem sħiħ fis-suċess tal-pajjiż kollu.

F'dan il-kapitlu se naraw fejn wasalna u fejn irridu naslu f'kull wieħed minn dawn l-oqsma, filwaqt li fl-aħħar kapitlu se naraw il-miżuri konkreti li jieħu l-PN fil-Gvern biex naslu.

# Is-saħħa

## Fejn wasalna

L-Isptar Mater Dei, sptar tal-għola livell bl-aqwa faċilitajiet, hu eżempju ċar ta' dak li jemmen u jwettaq il-PN fil-Gvern għall-poplu tagħna fil-qasam tas-saħħa. Illum għandna servizz tas-saħħa meqjus fost l-ewwel ħamsa fid-dinja mill-Organizzazzjoni Dinija tas-Saħħa. Wettaqna bidliet radikali oħra fis-sistema ta' l-isptarijiet kollha tal-Gvern, mill-mod kif inhuma organizzati għal x'tipi ta' servizzi joffru. Il-kura wessajniha għall-kura preventiva filwaqt li waqqafna skema biex inti jkollok l-ispiżerija tal-għażla tiegħek

## Fejn irridu naslu sal-2015

Irridu li l-ewwel u qabel kollox nassiguraw li kull individwu f'Malta u Għawdex iħossu aktar stmat, moqdi aħjar u fil-ħin meħtieġ mis-servizzi tas-saħħa tagħna fil-familja, fil-komunità u fl-isptarijiet tagħna.

Irridu niffukaw fuq il-kura primarja fil-komunità biex naslu għal sistema tas-saħħa organizzata aktar biex taqdi lill-pazjent aħjar mill-viċin. Norbtu l-kliniċi tat-tobba tal-familja u ċ-ċentri tas-saħħa f'katina ma' Mater Dei b'sistemi elettroniċi, grazzi għall-mediċina elettronika (*e-medicine*) fejn pazjent li jmur għand it-tabib tiegħu jew fiċ-ċentru tas-saħħa jista', meta jkun hemm ħtieġa, ikollu l-informazzjoni miżmuma dwaru fl-istorja tiegħu fil-ħin tal-vista biex it-tabib tal-familja jew taċ-ċentri tas-saħħa jkunu mgħejjuna jagħmlu dijanjożi aktar effettivi u jiddeċiedu kura li tista' tingħata fil-livell tal-familja u jiġi evitat l-iffullar bla bżonn fl-isptar. B'din is-sistema jsir possibbli li fil-ħin tal-vista jintalab il-parir ta' l-ispeċjalisti bbażati f'Mater Dei. B'hekk inkomplu niddeċentralizzaw is-sistema tas-saħħa u niżviluppaw aktar il-kura fil-komunità.

Irridu aktar riżorsi umani, sostnuti bi programmi ta' studju u taħriġ kontinwu u speċjalizzat skond il-ħtieġa.

Irridu nissieħbu mal-privat biex naslu għal kwalità aktar effettiva u għolja li tibni fuq it-tradizzjoni medika f'Malta permezz ta' investiment fi speċjalizzazzjonijiet ġodda u avvanzi teknoloġiċi ġodda.

Irridu nagħtu aktar prijorità lill-edukazzjoni u l-promozzjoni dwar stili ta' ħajja li jagħtuna saħħitna u jgħinu nżommu l-mard 'il bogħod minna u mill-familji tagħna.

Irridu lil Malta ċentru ta' l-ogħla kwalità li jiġbed pazjenti barranin f'oqsma speċjalizzati, anki bi sħubija mal-privat. B'dan il-mod, nikkontribwixxu wkoll għas-sostenibbiltà u għat-titjib kontinwu tas-servizz li se nkomplu nagħtu lill-Maltin u l-Għawdxin kollha.

# L-edukazzjoni

## Fejn wasalna

Il-PN huwa kburi li huwa l-partit ta' l-edukazzjoni. Għal snin twal investejna u tajna każ it-talenti ta' kulħadd.

Tista' tgħid li l-iskejjel li għandna f'Malta u Għawdex inbnew minn Gvernijiet immexxija mill-PN. Kien Gvern PN li bena l-Università, bena l-MCAST u l-istituti tekniċi f'Raħal Ġdid u fin-Naxxar. Kien il-PN fil-Gvern li waqqaf l-ITS, il-*Junior College*, l-MCAST u l-Iskola Sekondarja Ogħla. Kien il-PN fil-Gvern li waqqaf ċentri ta' dawn kollha f'Għawdex.

Kien il-Gvern tal-PN li, fl-aħħar snin, investa aktar minn €75 miljun biex nibnu l-iskejjel li għandna bżonn u nimmodernizzaw l-iskejjel kollha tal-Gvern. L-iskejjel għamilnihom skejjel għall-bżonnijiet ta' għada, mgħammra bl-aħjar teknoloġija, organizzati fis-sistema ġdida tal-Kulleġġi mill-*kinder* sas-sekondarja, f'qafas ta' edukazzjoni inklużiva. Fl-aħħar ħames snin inbnew diġà jew qed jinbnew tmien skejjel u ħdimna fl-iskejjel kollha tal-Gvern. Bnejna jew qed nibnu dawn l-iskejjel ġodda: S Benedittu f'Ħal Kirkop, S'Injazju f'Ħal Qormi, Santa Margerita f'Bormla (Verdala), f'Għawdex u f'Pembroke. Inbnew kważi mill-ġdid l-iskejjel Junior Lyceum Sir Adrian Dingli,u l-iskejjel primarji f'Ħal-Luqa u fis-Siġġiewi.

Ir-riżultati tjiebu bil-kif u bnejna qafas biex kull min għandu kwalifika edukattiva jew taħriġ ikollu ċertifikat li jingħaraf fid-dinja tax-xogħol f'Malta u madwar l-Ewropa. Qed indaħħlu wkoll il-kunċett ta' l-edukazzjoni tul il-ħajja biex ngħinu lil min qed jaħdem u lil min qed ifittex ix-xogħol. In-numru ta' l-istudenti fl-Università kompla jikber filwaqt li l-MCAST kien suċċess minn kull lat.

## Fejn irridu naslu sal-2015

Irridu naslu għal sitwazzjoni fejn kulħadd ikollu l-għodda biex jiżviluppa t-talenti tiegħu, huma x'inhuma. B'edukazzjoni ta' kwalità għal kulħadd biex uliedna jirnexxu lkoll. Għalhekk irridu nwasslu sal-milja tagħha r-riforma li bdejna fl-edukazzjoni f'Malta u Għawdex. Il-proposti ewlenin ta' dak li se nwettqu fis-snin li ġejjin huma mniżżla fil-kapitlu li jmiss.

Irridu nibnu kampus ġdid tal-MCAST u naraw li kull Istitut jissieħeb ma' *partners* lokali u internazzjonali.

Irridu nkomplu ninvestu fl-iskejjel kif ukoll fl-Università, l-MCAST, l-ITS, il-*Junior College*, l-Iskola Sekondarja Ogħla, il-friegħi ta' dawn f'Għawdex u istituzzjonijiet edukattivi oħra.

Irridu nagħmlu wkoll minn Malta ċentru reġjonali ta' l-ogħla kwalità fl-edukazzjoni, li jattira wkoll l-istudenti barranin. Studenti li jiksbu esperjenza edukattiva pożittiva ta' pajjiżna jibqgħu b' xi mod marbutin magħna meta jmorru lura lejn pajjiżhom u dan fih innifsu għandu effett ekonomiku pożittiv.

Il-mira hi li l-Università tiżviluppa ċentri ta' riċerka, taħriġ u edukazzjoni *post-graduate* u tattira numru rilevanti ta' studenti barranin, li jieħdu valur għall-flus li jħallsu u l-flus tagħhom jiġi ri-investiti fl-Università.
Iridu ninvolvu wkoll lis-settur privat, lokali u barrani, li joffri servizzi edukattivi, speċjalment dak li jista' jiġbed studenti barranin, filwaqt li nkomplu nħajru istituzzjonijiet edukattivi barranin joffru korsijiet ta' kwalità u rikonoxxuti hawn Malta u barra. Dan kollu rridu nagħmluh flimkien ma' l-istudenti, ġenituri, edukaturi, l-imsieħba soċjali u s-soċjetà ċivili.

# Il-manifattura u s-servizzi marbuta magħha

**Fejn wasalna**

Ir-riżultati li ksibna f'dan il-qasam jidhru fl-impjiegi li ħloqna. Ħloqna aktar xogħol u xogħol aħjar. Dan għamilnieh għax attirajna rekord ta' investiment barrani speċjalment fis-settur tal-manifattura u s-servizzi marbuta miegħu.

Sostnejna l-industrija tradizzjonali u lill-ħaddiema tagħha, filwaqt li attirajna setturi ġodda b'valur miżjud akbar li jagħfsu fuq it-teknoloġija, il-produttività, il-kreattività, il-bżulija u t-taħriġ tal-ħaddiema Maltin u Għawdxin. Fost dawn kellna l-eżempju tal-Lufthansa Teknik li bnew ċentru regjonali b'investiment kbir kif ukoll is-settur tal-farmaċewtika.

Għenna wkoll lin-negozji żgħar li huma l-faċċata l-oħra ta' l-ekonomija ġdida f'dan il-qasam u li l-esportazzjoni ta' xi wħud minnhom diġà tiżboq l-esportazzjoni ta' xi prodotti tradizzjonali.

**Fejn irridu naslu sal-2015**

F'dan is-settur irridu nkomplu noħolqu aktar xogħol u xogħol aħjar.

Irridu nsiru ċentru regjonali ta' l-ogħla kwalità f'dawk l-oqsma ta' l-industrija li joffru mhux biss aktar impjiegi iżda wkoll impjiegi aħjar li jrendu pagi ogħla. Dan se nagħmluh billi nkomplu nattiraw ditti fl-oqsma tal-farmaċewtika, bio-teknoloġija u manifattura bażata fuq it-teknoloġija avvanzata kif ukoll fl-industrija tas-servizzi marbuta mal-manifattura.

Irridu nkomplu ninvestu wkoll fit-tħejjija tal-ħaddiema Maltin permezz ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ kontinwi, aċċessibbli għal kulħadd. Irridu wkoll insaħħu t-tagħlim u l-kultura imprenditorjali filwaqt li niffaċilitaw l-aċċess għall-finanzjament kapitali u nżidu l-investiment fir-riċerka.

# It-turiżmu

**Fejn wasalna**

Kif ngħidu, mit-turiżmu jiekol kulħadd. Is-sena li għaddiet kellna sena rekord minn kull lat. Fin-numru ta' turisti li waslu bl-ajru. Fin-numru li waslu bil-baħar. U fl-avvenimenti internazzjonali li kien hawn f'Malta.

Il-turiżmu hu settur li jimpjega ħafna nies b'ħiltiet differenti, mill-iżgħar sal-għola. Kalkoli tas-sehem tiegħu fl-ekonomija ta' pajjiżna jvarjaw minn 15% sa 20%. Huwa qasam li meta jmur tajjeb ikollu effett pożittiv fuq kważi kull qasam ekonomiku ieħor. Il-qasam turistiku hu wieħed li tista' tgħid għaddej fuq l-investiment tal-Maltin, fejn għandna l-ewwel kumpanija multi nazzjonali fis-settur tal-lukandi. Hu għalhekk li l-PN fil-Gvern jibqa' jimpenja ruħu lejh.

**Fejn irridu naslu sal-2015**

Sal-2015, is-settur tat-turiżmu tagħna se jkollu sfidi godda quddiemu, b'aktar destinazzjonijiet ġodda, prodotti ġodda, operaturi ġodda u fornituri ġodda ta' servizzi turistiċi. Jeħtieġ li nkunu lesti għal din iż-żieda fil-kompetizzjoni. Mhux hekk biss, irridu indawru dawn l-isfidi f'opportunitajiet biex ikollna aktar suċċessi.

Irridu nagħmlu lil Malta u lil Għawdex destinazzjoni speċjali fil-Mediterran. Irridu li min jiġi hawn mhux biss biex jistrieħ, jieħu gost u jgawdi l-klima u l-baħar. Irridu li kull min jiġi jieħu lura miegħu wkoll esperjenza kulturali, sija jekk interessat fil-wirt storiku, jew fil-kultura kontemporanja jew f'wirjiet u kunċerti ta' artisti Maltin u internazzjonali; sew jekk jiġi għal esperjenza sportiva bħall-i*scuba*; jew esperjenza edukattiva, l-aktar għat-tagħlim tal-lingwi jew suġġetti oħra offruti mill-istituzzjonijiet edukattivi Maltin; jew għal raġunijiet reliġjużi u anki benefiċċju ta' saħħa permezz tas-servizzi tas-saħa Maltin. B'hekk kull min jiġi hawn isir ambaxxatur ta' l-immaġni sabiħa tal-poplu u l-pajjiż tagħna. Il-miri tal-politika tagħna dwar it-turiżmu huma li:

- Immexxu l-attività tat-turiżmu fuq il-prinċipji tas-sostenibbiltà;
- Inżommu u nħarsu r-riżorsi ambjentali u soċjo-kulturali tagħna, li huma l-elementi ewlenin tal-prodott turistiku tal-Gżejjer Maltin;
- Inżidu d-dħul u l-valur miżjud mit-turiżmu;
- Noħolqu aktar impjiegi ta' kwalità aħjar fis-settur;
- Inżidu l-vantaġġ kompetittiv tagħna u nagħtu prodott turistiku ta' kwalità u uniku mibni fuq il-kwalitajiet tagħna;
- Innaqsu l-istaġjonalità;
- Nisfruttaw il-karatteristiċi uniċi ta' Għawdex;
- Inżidu l-aċċessibbiltà ta' pajjiżna;
- Nibbenefikaw mill-kummerċ elettroniku fit-turiżmu.

Għandna opportunità tad-deheb quddiemna biex inkomplu nsaħħu dan is-settur.

# Is-servizzi finanzjarji

### Fejn wasalna

Grazzi għas-sħubija fl-Unjoni Ewropea, dan is-settur kiber b'rata mgħaġġla u llum jimpjega madwar 6,000 persuna bejnu u setturi relatati u jlaħħaq madwar 12% tal-prodott gross domestiku. Waqt li ħaddieħor kien lest li jtellef iż-żieda fl-impjiegi għaliex ma riedx li nissieħbu fl-Unjoni Ewropea u li naddottaw l-ewro din is-sena, il-PN fl-Gvern għażel it-triq li wasslet biex mijiet ta' kumpaniji barranin irreġistraw f'Malta. Id-dħul ta' l-ewro mistenni jħalli effett pożittiv ferm fuq dan is-settur fis-snin li ġejjin hekk kif Malta ssaħħaħ dejjem aktar ir-rabtiet tagħha mal-qasam finanzjarju Ewropew.

### Fejn irridu naslu sal-2015

Irridu nkomplu nkabbru dan is-settur biex Malta ssir ċentru finanzjarju importanti fir-reġjun Ewro-Mediterranju.

Irridu li dan is-settur jikber b'mod li jlaħħaq il-25% tal-prodott gross domestiku tal-pajjiż u jibda jħaddem mill-anqas 10,000 persuna.

# It-teknoloġiji ta' l-informatika u l-komunikazzjoni

**Fejn wasalna**

SmartCity hija simbolu ta' fejn irridu naslu f'dan il-qasam. Proġett li se joħloq 5,600 impjieg, li l-maġġoranza tagħhom huma impjiegi għall-Maltin kemm fis-settur ta' l-informatika kif ukoll fi snajja' oħra. Biss hemm kisbiet oħra li ġabu ġid kbir lill-poplu u l-ekonomija tagħna. Biżżejjed insemmu li f'dan is-settur is-sena li għaddiet kellna investiment ta' madwar biljun ewro. Hemm ukoll investimenti oħra li ilhom Malta għal ħafna snin u li kabbru l-operat tagħhom permezz ta' investiment qawwi li ħoloq ħafna impjiegi ġodda. Fil-qasam ta' l-*e-government* diġà meqjusin bħala t-tieni pajjiż l-aktar żviluppat fl-Ewropa kollha.

**Fejn irridu naslu sal-2015**

Is-settur ta' l-ICT se jkompli jkollu sehem dejjem akbar f'ħajjitna ta' kuljum. Minbarra li huwa sors ta' tagħlim u għarfien, is-settur ta' l-ICT se jipprovdi impjiegi f'industrija ġdida fejn nistgħu nkunu kompetittivi minħabba li l-kuntest fiżiku li fih ngħixu – bħala gżira fil-periferija tar-reġjun tagħna – issir għal kollox irrelevanti.

Għaldaqstant irridu nisżguraw is-suċċess ta' SmartCity u nisfruttawh billi nestendu l-ħsieb wara dan il-proġett fuq skala nazzjonali għal Smart Malta. B'hekk nattiraw għadd kbir ta' kumpaniji ġodda lejn xtutna fil-qasam ta' l-informatika u noħolqu għadd kbir ta' impjiegi ta' kull tip.

Irridu nippromwovu l-ICT billi nimxu lejn tliet direzzjonijiet importanti:

- L-immodernizzar tal-Gvern u l-mod kif jipprovdi s-servizzi tiegħu lill-pubbliku;
- Il-promozzjoni ta' soċjetà ta' l-informazzjoni inklużiva fejn kulħadd jipparteċipa f'dan l-iżvilupp u
- Li nistimulaw l-użu ta' l-ICT fil-oqsma ekonomiċi kollha.

Irridu nkomplu ninvestu wkoll fit-tħejjija tal-ħaddiema Maltin permezz ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ kontinwi, aċċessibbli għal kulħadd, fl-istituzzjonijiet ta' l-edukazjoni għolja bħall-MCAST u l-Università. U rridu wkoll inkomplu niżguraw li ħadd ma jitħalla barra minn dan l-iżvilupp straordinarju minħabba nuqqas ta' għarfien, riżorsi jew abbiltà fiżika.

Fi ftit kliem il-prijorità tagħna f'dan il-qasam tkun li ngħinu lill-poplu tagħna jikseb il-potenzjal sħiħ tiegħu.

# Għawdex

Il-viżjoni tagħna li se twassalna għas-sena 2015 tgħodd għal Għawdex ukoll għax il-PN fil-Gvern dejjem apprezza u għaraf il-karattru uniku u l-vantaġġ komparattiv ta' din il-gżira reġjun. F'Għawdex twettqu bosta proġetti, uħud minnhom finanzjati mill-Unjoni Ewropea, li jgħinuna noħorġu aktar is-sbuħija ta' din il-gżira, li ntejbu l-infrastruttuta u nsaħħu l-ekonomija tagħha. It-tir tagħna huwa wkoll li nkomplu noħolqu l-opportunitajiet ta' xogħol fil-gżra Għawdxija fuq il-linja li għamilna bil-ftuħ taċ-ċentru ġdid ta' servizzi tal-HSBC dan l-aħħar.

**Fejn irridu naslu sal-2015**

Irridu li Għawdex niżviluppawh fi gżira ekoloġika - eko-Għawdex - fejn, fost l-oħrajn, fil-qasam ta' l-enerġija, Għawdex jiġġenera kemm jista' jkun mill-enerġija tagħha permezz ta' sorsi alternattivi.

Irridu li Għawdex ikun mudell ta' żvilupp sostenibbli, inkluż fil-qasam tat-turiżmu, mibni fuq l-identità ta' gżira ekoloġika. Tingħata prijorità għall-agrituriżmu, mużewijiet ħajjin dwar il-ħajja, snajja' tradizzjonali, trejqiet fil-kampanja, il-portijiet tas-sajd u s-sajd artiġjanali, faċilitajiet għall-*cruise liners*, faċilitajiet għat-turiżmu sportiv u l-patrimonju Għawdxi, b'mod partikolari ċ-Ċittadella.

Irridu li Għawdex isir ukoll gżira organika fil-qasam ta' l-agrikultura.

Il-PN qatt ma jikkuntenta b'dak li nkunu ksibna. Dejjem irid li l-poplu tagħna jgħix aħjar. Dejjem iħares 'il quddiem biex, flimkien, niżguraw li Malta tkun post fejn il-familji jistgħu jilħqu l-milja tagħhom, igawdu kwalità ta' ħajja aħjar u jgħixu f'pajjiż isbaħ.

Diġà sar ħafna iżda, flimkien, jista' jsir ħafna aktar.

# Inkomplu nbiddlu lil pajjiżna – 353 proposta

4

# Inkomplu nbiddlu lil pajjiżna – 353 proposta

4

## Noħolqu aktar ġid u niżguraw li kulħadd igawdi minnu

Għall-PN, li l-familji Maltin jibqgħu jgħixu aħjar, hija prijorità ewlenija. Hija prijorità għalina li ntejbu l-kwalità tal-ħajja tal-familji tagħna, ta' wliedna, taż-żgħażagħ tagħna. Dan nagħmluh billi nistimulaw aktar it-tkabbir ekonomiku, billi ninċentivaw in-negozju, nippremjaw il-bżulija u nippremjaw ix-xogħol u nħallu aktar flus fil-bwiet tan-nies.

Dan nagħmluh billi nagħtu spazju akbar lis-settur privat, is-*self employed* u l-kumpaniji privati biex ikomplu jespandu u joħolqu aktar xogħol fil-pajjiż.

Id-dinja llum għaddejja minn inċertezza ekonomika kbira. Il-kriżi ekonomika li għaddejja minnha bħalissa l-Amerika qed tolqot lill-ekonomija mondjali u allura se tolqot lilna wkoll. L-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali stiednu lill-gvernijiet biex jieħdu miżuri fiskali ħalli jilqgħu għal din l-isfida. Hemm ukoll l-isfida tal-prezz taż-żejt u dan l-aħħar tal-prezz ta' l-ikel.

Huwa għalhekk li l-pajjiż għandu bżonn Gvern li kapaċi joffri soluzzjonijiet u jegħleb l-isfidi. Għalhekk il-PN qiegħed jipproponi pakkett ta' miżuri sabiex is-sisien finanzjarji u ekonomiċi tal-pajjiż mhux biss jibqgħu fis-sod iżda nkomplu nibnu aktar fuqhom filwaqt li nilqgħu għall-isfidi biex meta jħabbat il-mewġ isibna sodi.

Dan il-pakkett huwa meħtieġ biex jistimula aktar it-tkabbir ekonomiku, biex jinċentiva n-negozju, biex jippremja l-bżulija u biex jippremja x-xogħol.

Dan il-pakkett huwa mmirat b'mod partikolari għal min hu impjegat, għal min huwa *self employed* kif ukoll għan-negozji żgħar li b'hekk qed jiġu mħeġġa jinvestu aktar u jkomplu jikbru.

**Bilanċ pożittiv fil-Baġit sal-2010**

1. L-impenn tagħna huwa li sas-sena 2010 nilħqu bilanċ finanzjarju pożittiv (*surplus*) fil-Baġit, jiġifieri li l-Gvern idaħħal biss dak li hu meħtieġ biex isostni lill-pajjiż. Dan se jwassal biex:
   - Ninvestu aktar fil-ħtiġijiet tal-pajjiż,
   - Pajjiżna jsir aktar attraenti għal investiment,
   - Jinħoloq aktar xogħol,
   - Inkomplu nnaqqsu t-taxxi, b'mod partikolari fuq id-dħul,
   - Inżidu l-għajnuniet soċjali għal min għandu bżonn u
   - Inkomplu nniżżlu d-dejn pubbliku.

**Titnaqqas aktar l-*Income Tax***

2. Se nwessgħu l-faxex tat-taxxa tad-dħul (*tax bands*) kollha billi ngħollu l-limitu ta' meta wieħed jibda jħallas it-taxxa bi 15 fil-mija u ta' meta wieħed jibda jħallas b'25 fil-mija. Dan iffiser li l-faxxa ta' nies li ma jħallsux taxxa se tiżdied u se tiżdied ukoll il-faxxa ta' nies li jibdew iħallsu bil-15% minflok iħallsu bil-25%.

3. Se nnaqqsu r-rata massima tat-taxxa tad-dħul minn 35 fil-mija għal 25 fil-mija, ħlief għal min jaqla' aktar minn €60,000 jew Lm25,758.

   L-istima tagħna hija li sat-tieni sena wara li jidħlu dawn il-miżuri, il-Gvern ikun diġà daħħal aktar minn kemm kien idaħal mingħajrhom.

**Inħajru aktar nisa jidħlu fid-dinja tax-xogħol**

Il-PN fil-Gvern diġà daħħal inċentiv biex inħajru aktar nisa jidħlu fid-dinja tax-xogħol. Permezz ta' dan l-inċentiv kull mara li tidħol lura fid-dinja tax-xogħol wara nuqqas ta' mill-anqas ħames snin, tingħata benefiċċju ta' sena mingħajr ħlas tat-taxxa. Dan l-inċentiv se jibqa'. Imma se nintrabtu wkoll li nestenduh b'dan il-mod:

4. Kull omm li tidħol lura fid-dinja tax-xogħol wara nuqqas ta' ħames snin tkun intitolata għal sena mingħajr taxxa tad-dħul għal kull wild taħt is-16-il sena, flok sena waħda biss kif inhi llum.

5. Kull omm li diġà taħdem jew m'ilhiex nieqsa ħames snin u li tidħol lura għax-xogħol wara li jkollha t-tfal, tingħata sena mingħajr taxxa tad-dħul għat-tfal kollha li twieldu mis-sena 2007 'il quddiem.

**L-*overtime* jibqa' jitħallas kif jitħallas illum**

6. Qed nikkommettu ruħna li l-*overtime* jibqa' jitħallas kif jitħallas illum u mhux kif qed jipproponi l-Partit Laburista li l-*overtime* jitħallas bis-siegħa s-siegħa għax b'din il-proposta Laburista l-ħaddiem li jagħmel l-*overtime* jispiċċa b'anqas flus bil-but.

7. Il-PN huwa kommess li l-*overtime* jibqa' għażla tal-ħaddiema. Għaldaqstant qed nintrabtu li nkomplu l-ġlieda biex l-għażla ta' jekk u kemm jagħmel *overtime* fil-ġimgħa tibqa' għażla tal-ħaddiem kif inhi llum.

## Miżuri oħra biex inħallu aktar flus fil-bwiet tan-nies

**Tkompli titneħħa t-taxxa tal-wirt**

8. Titneħħa għal kollox it-taxxa fuq il-wirt tar-residenza mhux biss bejn il-koppji kif diġà sar fil-Baġit 2008, iżda wkoll meta r-residenza tgħaddi għand l-ulied.

**Titneħħa t-taxxa tat-tluq bl-ajru li kien daħħal il-Gvern Labursta ta' bejn l-1996 u l-1998**

9. Wara li sentejn ilu, it-taxxa tat-tluq bl-ajru tnaqqset minn €46 (Lm20) għal €23 (Lm10) kull persuna, il-pajjiż illum huwa f'pożizzjoni li jneħħi għal kollox din it-taxxa sabiex jiżgura li l-poplu Malti u Għawdxi jgawdi aktar libertà ta' moviment fl-Ewropa u f'pajjiżi oħra.

**Titneħħa t-taxxa tal-*levy* fuq il-*credit cards* li kien daħħal il-Gvern Labursta ta' bejn l-1996 u l-1998**

10. It-taxxa fuq il-*credit cards* li tammonta għal €16.31 (Lm7) fis-sena fuq kull *credit card* titneħħa għal kollox.

**Titneħħa t-taxxa fuq il-liċenzji tat-televiżjoni**

11. Titneħħa t-taxxa ta' €34.94 (Lm15) li għadha titħallas fuq kull sett ta' televiżjoni kull sena u li llum għadda żmienha.

**Tinbidel it-taxxa fuq il-karrozzi**

12. Minflok it-taxxa tar-reġistrazzjoni tal-karrozzi, naqilbu għal sistema mibnija fuq il-prinċipju ta' min iħammeġ iħallas - *polluter pays principle*. Irridu nindirizzaw il-problemi ta' konġestjoni tat-traffiku kif ukoll it-tniġġiż filwaqt li nippremjaw lil min għandu vetturi li ma jniġġsux l-arja. Din ir-riforma għandha twassal biex tonqos it-taxxa fuq ix-xiri ta' karrozzi ġodda iżda tippremja l-aktar lil dawk li jniġġsu l-anqas u lil dawk li jużaw enerġija nadifa. Din ir-riforma taffettwa lil min jixtri vettura u mhux lil min diġà għandu vettura.

**Naħdmu ma' pajjiżi oħra fl-Unjoni Ewropea biex titnaqqas il-VAT f'ċerti setturi**

13. Inkomplu naħdmu mal-pajjiżi ta' l-Unjoni Ewropea biex innaqqsu ċerti rati ta' VAT fuq setturi importanti għall-ekonomija ta' pajjiżna bħal ristoranti, li l-Gvern qed jipproponi lill-Unjoni Ewropea li jnižżel min 18% għal 5%.

14. Bl-istess mod, inkomplu naħdmu mal-pajjiżi ta' l-Unjoni Ewropea fuq ir-reviżjoni tal-VAT f'numru ta' setturi bħall-kura ta' l-anzjani, prodotti marbuta mal-ġenerazzjoni ta' enerġija alternattiva, fost oħrjan.

15. Fil-qafas tad-diskussjoni li għaddejja bħalissa fost il-pajjiżi ta' l-Unjoni Ewropea dwar ir-reviżjoni fir-rati tal-VAT, il-PN fil-Gvern iżomm il-pożizzjoni li l-eżenzjoni li għandna llum mill-VAT fuq l-ikel u l-mediċini tibqa' fis-seħħ.

# Aktar xogħol, xogħol aħjar

L-aktar ħaġa importanti għall-familja huwa x-xogħol. Ix-xogħol huwa ċ-ċavetta għal kwalità ta' ħajja tajba, filwaqt li jagħti għajxien u dinjità lill-ħaddiema u lill-familji tagħhom. Ix-xogħol huwa l-mezz li bih il-pajjiż jista' jilħaq il-milja tiegħu.

Il-PN huwa l-partit tax-xogħol. Aktar xogħol u xogħol aħjar.

Illum hawn 168,767 persuna f'pajjiżna – l-ogħla livell li qatt kellna - wara li fl-aħħar erba' snin ħloqna 20,016 post ġdid tax-xogħol. Illum għandna wkoll l-anqas rata ta' qgħad għal dawn l-aħħar tnax-il sena.

Iżda ċ-ċertezza tax-xogħol malajr tista' tintilef jekk ikun hemm fil-Gvern partit li jħaddan politika li ġġib l-inċertezza, li jesperimenta jew li jhedded l-istabbiltà ekonomika u finanzjarja. Iċ-ċertezza tintilef jekk fil-Gvern ikun hemm partit li jerga' jipprova jiftaħ il-pakkett ta' sħubija fl-Unjoni Ewropea. Ix-xogħol jiġi bil-fiduċja u mhux bil-qtigħ il-qalb.

Il-PN fil-Gvern dejjem ġab l-istabbiltà u ċ-ċertezza u ħoloq ix-xogħol. Bi sħubija fl-Unjoni Ewropea, u issa li daħħalna l-ewro, sirna aktar attraenti għall-investment. Se nkomplu noħolqu x-xogħol u xogħol aħjar u nilħqu l-miri ta' l-istrateġija ta' Liżbona li ġiet maqbula mill-pajjiż ta' l-Unjoni Ewropea, fosthom Malta, billi nsaħħu r-rizorsi umani, insaħħu l-intrapriżi ta' pajjiżna u nattiraw aktar intrapriżi minn barra, b'emfasi fuq l-oqsma li fihom irridu nsiru ċentru ta' ta' l-ogħla kwalità sal-2015.

Għaldaqstant il-PN qed jintrabat li jkompli jaħdem biex joħloq aktar xogħol u xogħol aħjar.

**Xogħol fl-ICT, fil-manifattura u servizzi marbuta magħha**

16. Permezz tal-ħidma li wettaqna biex ġibna SmartCity se nattiraw għadd kbir ta' kumpaniji ġodda lejn xtutna fil-qasam ta' l-informatika u se noħolqu mill-anqas 5,600 impjieg ġdid.

17. Se nagħtu sensiela ta' inċentivi taħt il-liġi għall-promozzjoni ta' l-industrija u nistmaw li se nkunu qed ninvestu aktar minn €45 miljun f'għajnuna lill-industrija biex inkattru l-impjiegi.

18. Se nagħtu inċentivi fiskali biex il-kumpaniji f'dan is-settur ikomplu jħarrġu l-ħaddiema fl-ispeċjalizzazzjonijiet meħtieġa.

19. Se ninvestu 'l fuq minn €30 miljun biex niżviluppaw 15,000 metru kwadru ġdid ta' spazju għal fabbriki f'Ħal Far u 11,000 metru kwadru għal fabbriki fil-Mosta Technopark. L-ewwel minn dawn il-fabbriki jkunu lesti biex jilqgħu investituri ġodda fl-aħħar tal-2008.

20. Jiġi estiż il-*Business Incubation Centre* ta' Kordin biex noffru spazju u opportunitajiet akbar lil imprendituri ġodda.

21. Inkompli niżviluppaw proġetti, bi sħab mal-kunsilli lokali, mal-privat u bl-użu ta' fondi ta' l-Unjoni Ewropea, sabiex inwessgħu kemm nistgħu l-aċċess għall-internet.

22. Insaħħu l-inċentivi sabiex nattiraw aktar l-industrija tal-films u biex intejbu l-faċilitajiet għal din l-industrija f'pajjiżna.

23. Issa li tlestew il-konvenji, pjanti, stimi u t-tenders kollha sabiex ikun jista' jitwettaq il-proġett tal-Villaġġ Artiġjanali f'Ta' Qali. Dan il-villaġġ sejjer jinbena mill-ġdid f'għamla ta' raħal Malti, b'faċilitajiet moderni għall-*parking*, ċentru ta' informazzjoni, pjazez u *landscaping*. Ix-xogħlijiet tat-toroq u spazji pubblici se jkunu iffinanzjati minn fondi mill-Unjoni Ewropea. Huwa mistenni li l-progett kollu, li hu stmat li se jqum mat-€28 miljun se jieħu madwar erba' snin sabiex jitlesta.

## Xogħol fis-servizzi finanzjarji

24. Irridu nkomplu nkabbru dan is-settur biex ilaħħaq il-25% tal-Prodott Gross Domestiku u jħaddem mill-anqas 10,000 persuna.

25. Niżguraw li l-qafas ta' struttura fiskali f'dan il-qasam jibqa aġġornat, attraenti u kompetittiv fir-reġjun Ewro-Mediterranju.

26. Niżviluppaw aktar opportunitajiet ta' taħriġ fl-oqsma speċjalizzati għal dan is-settur.

27. Inkomplu naħdmu flimkien mas-settur privat, permezz ta' Finance Malta, biex nippromwovu lil pajjiżna fuq livell internazzjonali u b'hekk niġbdu aktar investiment lejn pajjiżna f'dan is-settur.

## Inċentivi għan-negozji finanzjati mill-Unjoni Ewropea

28. Jitnedew skemi ta' inċentivi għall-intraprizi, finanzjati mill-Unjoni Ewropea, sabiex jinċentivhom biex jinvestu, fl-innovazzjoni u r-riċerka, fl-imprenditorija u fi żviluppi ambjentali, fost oħrajn.

29. Jiġi finanzjat l-*upgrading* ta' ħames żoni industrijali u l-villaġġ artiġġjanali f'Ta' Qali msemmi aktar 'l fuq.

## ...u xogħol fit-turiżmu

30. Inkomplu nwettqu l-Istrateġija u l-Pjan Nazzjonali dwar it-Turiżmu id f'id mas-settur privat.

31. Il-linja nazzjonali ta' l-ajru AirMalta tkompli titqies bħala assi strateġika għall-pajjiż kemm għat-turiżmu kif ukoll għal kull qasam ekonomiku ieħor u għaldaqstant il-PN fil-Gvern iżomm il-kontroll ta' din il-kumpanija u jkompli jagħtiha l-appoġġ li teħtieġ.

32. Jiżdied l-aċċess lejn Malta permezz ta' linji ta' l-ajru kemm *low cost* kif ukoll linji ta' l-ajru tradizzjonali oħra.

33. Inkomplu nibnu fuq il-passi li bdejna biex nagħmlu minn pajjiżna ċentru ta' avvenimenti ta' l-ogħla kalibru.

34. Biex aktar familja jitħajru jospitaw studenti barranin li jiġu jistudjaw f'pajjiżna, inżidu l-inċentivi fiskali billi ngħollu l-ammont tad-dħul li mhux taxxabbli minn din l-attività għal €3,500.

35. Nużaw l-ambaxxati ta' Malta għat-turiżmu u għat-tixrid tal-kultura Maltija.

36. Naħdmu ma' pajjiżi oħra ta' l-Unjoni Ewropea biex niffaċilitaw il-ħruġ tal-viża Maltija għal persuni minn pajjiżi fejn hemm zżvilupp ekonomiku sostanzjali, bħar-Russja, it-Turkija, iċ-Ċina u l-Indja. Fejn m'hemmx konsulati Maltin nagħmlu arranġamenti ma' pajjiżi sħabna ta' l-Unjoni Ewropea biex ikollna l-akbar xibka possibbli ta' konsulati li jistgħu joħorġu joħorġu l-viża.

**Proġetti finanzjati mill-Unjoni Ewropea fil-qasam turistiku**

37. Jiġi finanzjat l-*upgrading* ta' mill-anqas ħames bajjiet.

38. Isir investiment fiż-żoni turistiċi tal-Belt Valletta u l-Port il-Kbir, fiż-żona ta' l-Imdina, ir-Rabat u Ħad-Dingli, fiż-żona ta' Tas-Sliema, San Ġiljan u Paceville, fiż-żona ta' Buġibba, il-Qawra u San Pawl, f'Għawdex u f'żoni kostali oħra bħal Marsaskala u l-Mellieħa.

39. Jiġi finanzjat ir-restawr tas-swar fil-Belt Valletta, il-Kottonera, l-Imdina u ċ-Ċittadella.

40. Permezz ta' skema apposta, jiġu mgħejjuna negozji fis-settur tat-turiżmu sabiex jiżviluppaw huma wkoll il-prodott turistiku tagħhom.

**Xogħol fis-settur marittimu**

41. Jibda jitwettaq il-programm ta' inizjattivi għall-Port il-Kbir u l-Port ta' Marsamxett bi prijorità għall-espansjoni ta' l-industrija tal-*cruise liners* u dawk is-setturi li jistgħu joħolqu l-aktar opportunitjiet ta' xogħol fiż-żoni tal-madwar. Dan il-programm jinkludi wkoll progetti għall-iżvilupp tal-ġonna madwar il-Belt u l-iżvilupp ta' mużewijiet ta' Malta marittima fost l-oħrajn.

42. Inżidu l-irmiġġi fil-marini tal-jottijiet b'25%.

43. Jibda jitwettaq il-progett tal-Baċir Numru 1 mill-investituri li rebħu s-sejħa issa li l-permessi meħtieġa għal dan il-proġett waslu biex joħorġu. B'hekk ikollna l-aħar ħolqa sabiex inwettqu l-vizjoni oriġinali li jkun hemm promenade kontinwa mill-ponta ta' l-Isla sa Sant'Anġlu.

44. Jitlesta, fix-xhur li ġejjin, ix-xogħol fuq Boiler Wharf fl-Isla biex jilqa' l-*cruise-liners.*

45. Inkomplu l-programm ta' ristrutturazzjoni sabiex it-tarznari jsiru vijabbli, skond il-ftehim negozjat fil-pakkett ta' sħubija fl-Unjoni Ewropea.

**Inċentivi għall-ħolqien tax-xogħol finanzjati mill-Unjoni Ewropea**

Jitwettqu proġetti finanzjati bl-għajnuna ta' €130 miljun mill-Fond Soċjali Ewropew sabiex jiġi inċentivat ix-xogħol, jissaħħaħ it-taħriġ tal-ħaddiema biex ikun aktar faċli għalihom li jsibu xogħol u biex jagħti ċans ġdid lill-ħaddiema li sabuha diffiċli li jidħlu jew li jibqgħu fid-dinja tax-xogħol. Fost dawn il-progetti li se nwettqu hemm:

46. *Employment Aid Framework*, programm li jissussidja nofs il-pagi meta ħaddiema li jaqgħu fi gruppi żvantaġġjati jiġu impjegati. Is-sussidju jingħata, skond il-każ, għal bejn sitt xhur u sena.

47. *Training Aid Framework*, programm li jagħti *grants* biex ikopri parti mill-ispejjeż tat-taħriġ ta' negozji u kumpaniji, f'kull kategorija, li jħarrġu lill-ħaddiema tagħhom.

48. *Youth Employment Programme*, li joffri miżuri varji ta' għajnuniet liż-żgħażagħ li jkunu qed isibuha diffiċli jintegraw fid-dinja tax-xogħol, sabiex iħejjihom u jgħinhom isibu xogħol.

49. *Employability Programme* li joffri tipi differenti ta' taħriġ lill-ħaddiema f'kull livell.

**Taħriġ għax-xogħol**

Tissaħħaħ l-ETC biex tkun f'pożizzjoni aħjar li tirrispondi għaċ-ċirkustanzi ġodda u dejjem jinbidlu fil-kamp tax-xogħol u t-taħriġ. L-iskop tar-riforma jkun li:

50. Issir strument aktar modern u effettiv f'appoġġ għas-suq tax-xogħol f'Malta u Għawdex;

51. Tidentifika s-setturi fl-ekonomija li għandhom diffikultà biex isibu l-ħaddiema;

52. Tindirizza aħjar is-sitwazzjoni ta' żgħażagħ u adulti fuq l*ong term unemployment;*

53. Ittejjeb l-għajnuna lill-persuni żvantaġġjati fis-soċjetà biex isibu impjieg;

54. Tiżviluppa aktar sistemi ta' l-informatika li jgħinu fl-għoti ta' servizzi;

55. Tintegra lil Malta aħjar fis-sistema EURES li tiffaċilita xogħol barra minn Malta;

56. Tamministra l-benefiċċji tad-disimpjieg u tħaddem politika żviluppata fuq il-kunċett ta' "*make work pay*";

57. Flimkien ma' min iħaddem u l-istituzzjonijiet edukattivi u ta' taħriġ, tinbena sistema ġdida ta' apprendistat u *traineeships*;

58. Ikun hemm inċentivi biex aktar żgħażagħ ikomplu l-edukazzjoni u t-taħriġ wara li jtemmu l-edukazzjoni sekondarja.

59. Jiġi inkoraġġit ir-ritorn għall-edukazzjoni fl-Università, MCAST, ITS wara esperjenzi ta' xogħol jew meta persuna tispiċċa bla xogħol.

60. Tissaħħaħ il-kampanja ta' edukazzjoni dwar *work-life balance*, jiġu inkoraġġiti ċ-*childcare centres* kif ukoll l-informazzjoni dwar vantaġġi fis-suq tax-xogħol għan-nisa u s-servizzi ta' appoġġ li jingħataw.

61. Jinħatru *Female Employment Guidance Officers* biex jgħinu lin-nisa li jridu jaħdmu u jfasslu magħhom *Personal Action Plan* biex iwettqu x-xewqa tagħhom.

62. Jissaħħaħ l-infurzar kontra min iħaddem ħaddiema minn pajjiżi terzi bla permess.

**Rispett u drittjiet fuq il-post tax-xogħol**

63. Jissaħħaħ l-infurzar sabiex jiżdied il-livell tal-ħarsien tad-drittijiet tal-ħaddiema b'mod partikolari tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol.
64. Jissaħħu d-drittijiet tal-ħaddiema filwaqt li jieqfu l-prattiċi ta' kuntratti fuq bażi *self-employed* intiżi biss biex il-ħaddiema ma jingħatawx il-kundizzjonijiet u l-benefiċċji li ħaqqhom.
65. Jissaħħu d-drittijiet tal-ħaddiema billi fix-xiri tiegħu (*public procurement*) il-Gvern jimponi kundizzjonijiet fuq il-kuntratturi sabiex dawn jirrispettaw bis-sħiħ id-drittijiet tal-ħaddiema u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom.

***Red Carpet* flok *Red Tape*: Titneħħa l-burokrazija żejda għan-negozji ż-żgħar u s-*self employed***

66. Insaħħu l-*Better Regulation Unit* fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru biex jara li l-liġijiet, amministrazzjoni pubblika u ħlasijiet li jintroduċu awtoritajiet differenti ma jkunux ta' piż żejjed fuq in-negozji żgħar.

67. Jitwaqqaf *Entrepreneurship Research Unit* li jagħti pariri lil negozji żgħar biex ikomplu jikbru u jgħinhom jiksbu għajnuna mill-Unjoni Ewropea għal negozji żgħar.

68. Tingħata għajnuna biex jitwaqqfu *Buying co-operatives* biex jiżdied il-valur miżjud tan-negozji;

69. Jitwaqqaf *Small Businesses Industrial Fund* biex jiġu mgħejjuna l-Assoċjazzjonijiet ta' Artiġġjanat filwaqt li jinħoloq ċentru ta' Taħriġ f'Ħiliet Artiġġjanali biex jibqgħu jinstabu ħaddiema mħarrġa għal dawn is-setturi;

70. Jitwaqqaf *Innovation Fund* biex jiġi faċilitat finanzjarjament għan-negozji żgħar meta jinvestu fl-innovazzjoni.

**Għajnuna lill-bdiewa, raħħala u s-sajjieda**

71. Jitwettaq il-pjan ġdid għall-iżvilupp rurali li joffri opportunitajiet għal aktar investimenti fi strutturi agrikoli b'valur ta' kwazi €100 miljun b'fondi mill-Unjoni Ewropea.

72. Jitkompla l-programm ta' għajnuna diretta lill-bdiewa u raħħala magħruf bħala SMPPMA u fejn jagħlaq il-programm ta' sussidju jsir impenn, skond il-bżonn, biex dan jiġi mġedded fl-interess tas-settur.

73. Tingħata għajnuna diretta lill-bdiewa *full-time* billi l-art tal-Gvern li jaħdmu tingħatalhom b'ċens, filwaqt li jiġi konkluż il-proċess mibdi ta' l-għoti ta' titolu ta' qbiela.

74. Tidħol fis-seħħ l-iskema ta' *Farm Advisory Services* biex jingħata parir tekniku lill-bdiewa u raħħala.

75. Jingħata sussidju fuq il-ġwież, għajnuna biex titjieb l-istruttura ta' l-irziezet li jipproduċu l-ħalib u għajnuna biex tkompli titjieb il-kwalità tal-ħalib.

**Għajnuna lis-sajjieda**

76. Permezz ta' fondi mill-Unjoni Ewropea tiġi rillokata l-Pixkerija.

77. Titnieda skema ġdida għal aktar għajnuna fuq bastimenti tas-sajd, inkuż għajnuna għal ħsarat li jistgħu jsofru fuq il-bastimenti tagħhom.

78. Tingħata għajnuna finanzjarja permezz ta' skema approvata lill-Kooperattivi tas-Sajd li tieħu post l-għajnuna li kienet tingħata bħala *marketing aid*.

79. Tidħol fis-seħħ skema ffinanzjata mill-Unjoni Ewropea mmirata għal aktar żvilupp u investiment fl-akwakultura.

# L-edukazzjoni - is-sisien ta' kollox

Bil-PN fil-Gvern tista' sserraħ rasek li l-edukazzjoni ta' wliedek timxi 'l quddiem.

Il-PN qed jirnexxilu jirriforma s-sistema edukattiva mill-qiegħ, bla skossi, u lesta l-pedamenti li fuqhom nistgħu nkompli nibnu l-futur ta' wliedna.

Fil-qasam ta' l-edukazzjoni l-mira tibqa' li wliedna jirnexxu lkoll, skond it-talenti tagħhom, u biex kollha jiżviluppaw valuri umani b'saħħithom, mentalità kritika, kapaċità ta' riċerka, u abbiltà li jiskopru b'mod kreattiv soluzzjonijiet u ideat ġodda. L-użu tal-kompjuter u l-internet, li diġà jibda mil-livell ta' l-iskola primarja, jissaħħaħ fil-livelli kollha bħala għodda tat-tagħlim skond Kurrikulu mibni fuq l-istrateġija diġà adottata ta' *e-learning*.

Bil-maqlub, il-Partit Laburista jrid li flok jitfa' r-riżorsi fuq it-tfal li l-aktar għandhom bżonn biex jimxu 'l quddiem, iżomm lil kulħadd lura bl-esperiment li joħloq r*eception year*, li fil-prattika tfisser li t-tfal kollha ta' ħames snin jirrepetu sena.

**Edukazzjoni ta' kwalità għal kulħadd**

80. Tkompli titwettaq il-viżjoni tar-riforma fl-edukazzjoni kif ġiet imfissra fl-Att dwar l-Edukazzjoni.

81. Titpoġġa fuq sisien b'saħħithom is-sistema l-ġdida tal-Kulleġġi ta' l-Istat li jiġbru fihom il-livell tal-kinder, primarju u sekondarju u jiġi assigurat progress u transizzjoni tat-tfal u studenti bla skossi, u b'sistema moderna ta' *assessment* kontinwu u eżamijiet għal skop ta' *national benchmarking*.

82. Jitkompla l-programm ta' bini, tkabbir, manutenzjoni u tisbiħ ta' l-iskejjel.

83. Bi sħubija mal-privat u l-volontarjat, kif ukoll grazzi għal finanzjament mill-Unjoni Ewropea, titwaqqaf xibka ta' ċentri għall-Ħarsien tat-Tfal (*child care centres*) f'kull naħa ta' Malta u Għawdex li jħaddmu servizz mibni fuq il-kunċett ta' *educare*.

84. Tissaħħaħ il-kwalità taċ-ċentri ta' *Kindergarten* biex jagħtu lil kull tifel u tifla l-aħjar sisien l-aktar żmieni possibbli.

85. Jissaħħaħ il-programm ta' *screening* bikri dwar l-istat ta' saħħa fiżika u intellettwali tat-tfal. Is-sistema edukattiva jkollha n-nies imħarrġa li hemm bżonn fl-oqsma speċjalizzati diversi ta' diffikultajiet speċjali fit-tagħlim.

86. Tiġi estiża s-sistema ta' *learning support assistants (facilitators)* anki għal tfal fi skejjel privati.

87. Jingħataw ir-riżorsi meħtieġa biex studenti bi bżonnijiet speċjali jkunu jistgħu jkomplu jistudjaw u jitħarrġu wara li jtemmu l-edukazzjoni obbligatorja.

88. Jitpoġġew fuq sisien ġodda s-servizzi għall-istudenti, il-ġenituri u l-għalliema.

89. Bil-għan li toktor il-kultura u l-kreattività artistika, jitressqu aktar lejn xulxin l-iskejjel tad-drama, tal-mużika u ta' l-arti, kif diġà qed jiġri fil-kulleġġ ta' Għawdex.

90. Il-kurrikulu fil-livell sekondarju jibda joffri aktar suġġetti b'element qawwi prattiku biex jissodisfa aħjar il-kapaċitajiet u ħajriet ta' l-istudenti.

91. Jiġi offrut programm edukattiv, kreattiv u sportiv wara l-ħin ta' l-iskola għal tfal u studenti fl-iskejjel tal-Kulleġġi ta' l-Istat, u programmi edukattivi u kulturali għall-komunitajiet tal-Kulleġġ biex tingħata edukazzjoni ta' kwalità tul il-ħajja għall-adulti.

92. Issir analiżi tal-bżonnijiet ta' riżorsi umani mħarrġa għall-qasam ta' l-edukazzjoni u jitfassal pjan ta' miżuri li jħajjar aktar żgħażagħ jidħlu għall-vokazzjoni ta' għalliema u ta' ħaddiema oħra meħtieġa għat-tagħlim u t-taħriġ ta' l-istudenti. Fl-istess ħin issir analiżi kritika tat-taħriġ ta' l-għalliema biex titjieb il-kwalità tat-taħriġ f'kull livell.

93. Issir skema ta' volontarjat għall-iskejjel mil-livell ta' *Sixth Form* fejn l-istudenti jiġu mistiedna jaħdmu f'diversi oqsma soċjali u kulturali, inkluż ma' nies bi bżonnijiet speċjali u nies li għandhom ċerti diffikultajiet, bl-iskop li l-istudenti jiżviluppaw aktar il-kuxjenza soċjali u jagħrfu l-problemi tad-dinja ta' madwarhom u l-isfidi li jridu jegħlbu. Xogħol ta' volontarjat awtorizzat jiġi rikonoxxut bħala validu għall-fini tal-proġett tas-*Systems of Knowledge*.

94. Jinfirex fl-iskejjel u l-istituzzjonijiet edukattivi kollha programm ta' tagħlim u tħejjija dwar is-sbuħija u r-responsabbiltà tal-familja u l-ħiliet meħtieġa għat-trobbija ta' l-ulied;

**L-edukazzjoni id f'id mat-teknoloġija avvanzata**

95. Tkompli titwettaq l-istrategija *e-learning* li se tfisser kompjuter għal kull erbat itfal ta' l-iskola u *laptop* għal kull għalliem.

96. Titħaddem skema li biha familji fil-bżonn, persuna b'diżabbiltà u għaqdiet non-governattivi jkunu jistgħu jixtru kompjuter użat fis-servizz pubbliku, iżda riġenerat u f'kundizzjoni tajba ħafna, bi prezz nominali.

97. Jittieħdu aktar miżuri biex l-istudenti u l-għalliema jħaddmu t-teknoloġiji tal-komunikazzjoni u l-informatika u aktar programmi għat-taħriġ u l-iżvilupp professjonali kontinwu ta' edukatturi u l-mexxejja ta' l-iskejjel u l-istituzzjonijiet.

98. Tissaħħaħ l-attenzjoni li tingħata lit-tagħlim tal-matematika, xjenza, teknoloġija fil-livelli ta' edukazzjoni primarja u sekondarja bil-għan li aktar studenti jispeċjalizzaw f'dawn l-oqsma fil-livelli ta' edukazzjoni sekondarja ogħla u terzjarja;

99. Jitwaqqaf ċentru interattiv tax-Xjenza u t-Teknoloġija sabiex kemm tfal kif ukoll il-familji tagħhom ikunu jistgħu jżuruh u jgawdu minn esperjenza li tkattar fihom l-interess u l-imħabba lejn ix-xjenza.

100. Jissaħħu l-programmi biex jinkiseb livell bażiku ta' ħiliet fl-ICT f'kull familja bl-opportunità li kull familja jkollha lil xi ħadd offrut kors fil-kompjuter.

101. Jissaħħaħ l-investiment fir-Riċerka, l-Innovazzjoni u l-Iżvilupp Teknoloġiku biex iżid in-numru ta' riċerkaturi f'Malta.

102. Isir investiment f'*fibre-optic* link bejn Malta u l-Italja ta' Fuq dedikat għall-komunikazzjoni bejn istituzzjonijiet ta' Edukazzjoni Ogħla u *R&D* permezz ta' l-*European Education Dark-fibre Network*.

103. Jinħolqu konkorsi ta' innovazzjoni, b'emfasi fuq l-arti u t-teknoloġija, fejn l-aħjar progetti jiġu ffinanzjati sabiex biex jiġu ppruvati u applikati permezz ta' prototipi. Profitti li jirriżultaw minn ideat li jiġu kkumerċjalizzati jinqasmu bejn l-istudenti u l-istituzzjonijiet edukattivi li huma jagħmlu minnhom.

104. Jiġu offruti lill-aħjar professjonisti Maltin li jinsabu barra minn Malta, inċentivi biex jerġgħu jiġu jaħdmu Malta.

### Appoġġ lill-istudenti u lill-ġenituri

105. Is-sistema ta' l-istipendji tiġi sostnuta bl-iskop li ż-żgħażagħ jiġu mgħejjuna jkomplu bl-istudji u t-taħriġ u jilħqu l-potenzjal tagħhom bla ma jkunu ta' piż kbir fuq il-ġenituri tagħhom.

106. L-istudenti Għawdxin jibqgħu jingħataw trattament speċjali biex jonqos kemm jista' jkun xi impatt negattiv li jista' jkollhom biex jistudjaw f'Malta

107. Tinħoloq l-iskema biex l-studenti li jagħmlu kors li jwassal għall-ewwel grad universitarju f'pajjiż ieħor ta' l-Unjoni Ewropea f'suġġett mhux offrut f'Malta jingħataw ukoll għajnuna finanzjarja.

108. Ikomplu jiġu sfruttati l-programmi ta' l-Unjoni Ewropea biex studenti Maltin jirċievu parti mill-edukazzjoni tagħhom barra minn Malta filwaqt li tissaħħaħ l-iskema ta' *Scholarships* tal-Gvern biex aktar studenti jkomplu l-istudji tagħhom kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta.

109. Tiżdied l-għajnuna finanzjarja diretta jew indiretta lill-ġenituri li jibagħtu lil uliedhom fi skejjel privati indipendenti filwaqt li tibqa' l-għajnuna lill-iskejjel tal-Knisja.

### L-Università, l-MCAST u istituzzjonijiet edukattivi oħra

110. Tikber l-għotja tal-Gvern lill-Università ta' Malta u l-MCAST biex, f'ambjent liberalizzat u kompetittiv, ikopru aħjar l-ispejjeż tal-programmi ta' tagħlim u taħriġ tagħhom fejn ma jitħallsux miżati jew fejn huma sussidjati.

111. Tissaħħaħ l-awtonomija u l-indipendenza finanzjarja ta' l-Università ta' Malta billi jitwaqqaf il-*University of Malta Trust Fund* b'fond inizjali ta' €2.5 miljun u ssir liġi biex l-Università tkun tista' takkwista donazzjonijiet u patrimonju (*endowments*) minn benefatturi li jingħataw eżenzjonijiet fiskali.

112. Tissaħħaħ l-Università tat-Tielet Età permezz ta' faċilitajiet aħjar.

113. Jibda jitwettaq il-*Master Plan* għall-bini ta' kampus ġdid tal-kullegg MCAST. B'hekk l-MCAST ikompli jiżviluppa minn ċentru ta' eċċellenza lokali għal ċentru ta' eċċellenza reġjonali u jattira studenti barranin.

114. L-MCAST joffri aktar korsijiet f'livelli differenti filwaqt li tissaħħaħ ir-relazzjoni tal-Kulleġġ ma' aġenziji pubbliċi u korpi kostitwiti fil-qasam ekonomiku u soċjali, b'mod partikolari l-apprendistat.

115. Jingħataw aktar riżorsi lill-ITS għall-aqwa taħriġ tal-ħaddiema fit-turiżmu biex l-industrija tat-turiżmu tibqa' kompetittiva b'servizz ta' kwalità.

116. Jingħataw inċentivi biex istituzzjonijiet ta' l-aqwa kalibru internazzjonali joperaw programmi ta' degrees u riċerka u taħriġ post-gradwat minn Malta, l-aktar għal studenti barranin.

117. Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Edukazzjoni Ogħla tikkonsolida l-istrutturi u l-ħidma tagħha bil-għan li f'kollaborazzjoni ma' l-istituzzjonijiet konċernati tassgura edukazzjoni ta' kwalità u standards internazzjonali fl-oqsma kollha ta' l-edukazzjoni terzjarja biex twassal għal ċentru ta' eċellenza reġjonali f'dan il-qasam.

118. Jittrasforma sal-2015 lil Malta f'ċentru fil-Mediterran ta' Edukazzjoni Ogħla rikonoxxut internazzjonalment.

# L-aqwa u l-aħjar għal saħħtek

Bil-PN fil-Gvern, il-poplu Malti jaf li meta jiġi bżonnhom, meta jkun marid, is-servizzi tas-saħħa qegħdin hemm. U huma b'xejn. Dan huwa settur li aħna determinati li nibqgħu nagħtuh l-attenzjoni kollha u b'mod kontinwu biex nibqgħu insostnuh, biex jibqa' fost l-aħjar, biex jibqa' b'xejn, biex inkopru dejjem aħjar l-aktar mard serju, biex inaqqsu l-listi ta' stennija għal livelli aċċettabbli u biex nevitaw li nimirdu.

Filwaqt li l-Isptar Mater Dei għinna nagħmlu pass kbir biex ngħollu l-livell tas-servizz tas-saħħa, irridu issa niffukaw aktar fuq il-kura primarja fil-komunità.

Irridu naħdmu sabiex tispiċċa darba għal dejjem il-problema tal-*waiting lists* kemm permezz ta' l-arranġamenti li saru u li jkomplu jsiru mal-professjoni medika kif ukoll permezz ta' arranġamenti, skond il-bżonn, mas-settur privat.

Issa li l-Qorti Ewropea tat drittijiet ġodda lill-pazjenti li huma ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea biex, f'ċerti każi, imorru anki għall-kura barra, irridu naraw li dawn id-drittijiet jiġu mħarsa għall-benefiċċju ta' pazjenti Maltin.

Irridu nkomplu wkoll naħdmu mill-qrib mal-ħaddiema kollha f'dan il-qasam tas-saħħa għax is-sehem tagħhom jagħmel id-differenza bejn servizz tajjeb u servizz ta' l-ogħla kwalità.

Li rridu aħna għall-familji Maltin u Għawdxin huwa servizz ta' l-ogħla kwalità.

**Il-*waiting lists* iridu jispiċċaw**

119. Bl-arranġamenti diġà milħuqa mal-professjonijiet differenti fil-qasam tas-saħħa u b'*management* effettiv u bil-faċilitajiet ġodda li jipprovdi l-Isptar Mater Dei tibda titnaqqas immedjatement u b'mod mgħaġġel il-listi ta' stennija.

120. Jiġu stabbiliti *targets* definiti ta' kemm pazjent jista' jdum jistenna għal dak li jkollu bżonn. Dawn it-*targets* mhux se jkunu jistgħu jinqabżu. Din il-miżura għandha tassigura li l-Maltin u l-Għawdxin kollha jirċievu s-servizzi mediċi li jkollhom bżonn fi żmien klinikament aċċettabbli.

121. F'każi fejn il-problema tal-*waiting lists* xorta tibqa' tippersisti, il-Gvern jidħol fi ftehim, skond il-bżonn, mas-settur privat f'Malta li jistgħu joffru l-faċilitajiet sabiex il-pazjenti jinqdew xorta u b'xejn.

122. Niżguraw li d-drittijiet żviluppati mill-Qorti Ewropea favur il-pazjenti li jiksbu kura barra minn Malta jiġu mħarsa.

**Ġlieda lill-mard tal-kanċer**

123. Il-marda tal-Kanċer tiġi indirizzata b'aktar qawwa bi twettiq ta' pjan strutturat li jkopri l-prevenzjoni, il-kura u s-sostenn.

124. L-Isptar Zammit Clapp jinbidel fi sptar speċjalizzat fil-kura tal-kanċer u jiżdiedu l-faċilitajiet ta' radjuterapija u *PET scan services.*

125. Jiġi msaħħaħ u estiż il-programm ta' *screening* għal kanċer tas-sider u jiddaħħlu programmi oħra ta' prevenzjoni filwaqt li niżguraw li jiġu pprovduti l-aktar mediċini effettivi.

**Kura qrib il-pazjenti b'servizzi fil-komunità**

126. Tinfirex l-iskema ta' l-Ispiżjar tal-Għażla Tiegħek biex kull min hu intitolat għall-mediċini jinqeda aħjar.

127. Kulħadd ikollu karta ta' l-identità elettronika (*e-ID card*) li jkun fiha informazzjoni ta' natura medika sabiex tiffaċilita l-aċċess għall-kura fl-iqsar ħin possibbli.

128. Nagħmlu pass ieħor 'il quddiem fis-servizz tas-saħħa billi nsaħħu l-kura primarja, jiġifieri dik il-kura li tingħata qabel persuna tispiċċa l-isptar jew biex tevita li jkollha tidħol l-isptar.

129. Ninsġu l-kliniċi tat-tobba tal-familja u ċ-ċentri tas-saħħa flimkien f'katina ma' Mater Dei b'sistemi elettroniċi (*e-medicine)* fejn pazjent li jmur għand it-tabib tiegħu jew fiċ-ċentru tas-saħħa jista', meta jkun hemm ħtieġa, ikollu l-informazzjoni miżmuma dwaru fil-ħin tal-viżita biex it-tabib tal-familja jew taċ-ċentri tas-saħħa jkunu mgħejjuna jagħmlu dijanjożi aktar effettivi u jiddeċiedu kura li tista' tingħata fil-livell tal-familja u jiġi evitat l-iffullar bla bżonn fl-isptar. B'din is-sistema jista' jsir possibbli li fil-ħin tal-vista jintalab il-parir ta' l-ispeċjalisti bbażati f'Mater Dei. B'hekk inkomplu niddeċentralizzaw is-sistema tas-saħħa u niżviluppaw aktar il-kura fil-komunità.

130. Jissaħħu s-servizzi ta' appoġġ għall-anzjani, persuni b'diżabbiltà, persuni li għandhom problemi ta' saħħa mentali u dawk li jkunu qed jirkupraw wara intervent fl-isptar.

131. Jiġi żgurat li jingħataw il-mediċini ġodda lill-akbar firxa ta' nies possibbli. Tiżdied l-aċċessibbiltà għall-mediċini billi ssir reviżjoni sabiex numru akbar ta' nies b'mard kroniku jkunu jistgħu jibbenefikaw.

**Prezz ġust għall-mediċini**

132. Il-prezzijiet tal-mediċini jibqgħu jkunu kontrollati u fejn għandhom jorħsu, naraw li jorħsu, kif diġà beda jsir.

133. Tinħoloq skema biex tgħin lill-familji li jiffaċċjaw spejjeż straordinarji minħabba kura ta' mard serju li mhix koperta bis-servizz nazzjonali tas-saħħa.

**Taħriġ għall-professjonisti**

134. Inkomplu ninvestu fit-taħriġ tal-professjonijiet kollha f'dan il-qasam għaliex inqisuhom bħala s-sisien tas-sistema tas-saħħa. Jinħolqu wkoll skemi biex jattiraw aktar żgħażagħ lejn karriera fil-qasam tas-saħħa u jiżdied l-investiment fit-taħriġ speċjalizzat.

**Bini ta' ċentru ta' rijabilitazzjoni**

135. Jinbena ċentru ta' rijabilitazzjoni b'280 sodda bil-faċilitajiet kollha meħtieġa għal persuni li jkunu qed jirkupraw minn mard jew trattament serju.

**Attenzjoni lis-saħħa mentali**

136. Jitkompla l-programm ta' modernizzar u bini ta' faċilitajiet ġodda fl-Isptar Monte Carmeli filwaqt li tingħata iżjed enfasi għall-iżvilupp tas-servizzi fil-komunità.

### Prevenzjoni mill-mard tal-qalb, dijabete u obesità

137. Tintensifika l-ġlieda kontra l-piż żejjed b'attenzjoni partikolari lit-tfal.

138. Insaħħu s-suċċess tal-kampanji kontra t-tipjip u flimkien ma' setturi oħra nkomplu nindirizzaw b'mod aktar qawwi l-problemi ta' abbuż minn sustanzi oħra.

### Ċentru ta' l-ogħla kwalità fil-Mediterran

139. Fil-qasam tas-saħħa Malta ssir ċentru ta' l-ogħla kwalità fir-reġjun Ewro-Mediterranju filwaqt li jibqa' jitħalla spazju għas-settur privat u tikber il-kooperazzjoni miegħu. B'hekk dan is-settur ikun jista' joħloq opportunitajiet ġodda ta' xogħol minħabba li joffri servizzi mhux biss għall-Maltin iżda anki għall-barranin li jiġu għall-kura hawn Malta.

140. Jiġi żviluppat it-turiżmu mediku permezz ta' ftehim ma' sptarijiet f'pajjiżi barranin kif ukoll ma' sptarijiet u kliniċi privati lokali.

# Biex anki l-Magħtab iwarrad

Il-politika li l-PN fil-Gvern se jħaddan fil-qasam ta’ l-ambjent ġiet spjegata fit-tieni kapitlu ta’ dan il-programm.

F’din is-sezzjoni se nsemmu l-miżuri speċifiċi li se nieħdu biex naslu għall-viżjoni ta’ fejn irridu naslu biex inkomplu ntejbu l-ambjent li ngħixu fih ilkoll.

**Nifs lill-ibliet u rħula u nsebbħu l-kampanja**

141. Intejbu l-ispazji urbani u nkomplu nagħtu nifs l-ibliet u l-irħula tagħna.

142. Inħarsu d-dritt tar-residenti għat-tgawdija tal-proprjetà tagħhom kontra l-impatt ta’ l-industrija tal-kostruzzjoni, speċjalment għal dawk li huma t-tniġġiż ta’ l-arja u l-ħsejjes.

143. Nestendu r-regolamenti għall-immaniġġjar ta’ siti ta’ kostruzzjoni biex inkopru l-lokalitajiet kollha ta’ Malta u Għawdex. Dawn għandhom ikomplu jnaqqsu t-tniġġis u l-ħsejjes tal-kostruzzjoni fil-lokalitajiet kollha.

144. Jitwaqqaf Bord għal sigurtà ta’ siti ta’ kostruzzjoni biex jagħti aktar serħan il-moħ u sigurtà lil residenti fil-viċinanzi kif ukoll lill-ħaddiema, partikolarment waqt twaqqigħ ta’ strutturi u skavar. Jitjiebu l-mekkaniżmi biex niżguraw li l-bini kollu ikun konformi mar-regolamenti tal-bini rigward l-effiċenza fl-użu ta’ l-enerġija.

145. Insaħħu l-ġlieda tagħna kontra r-rimi illegali ta’ l-iskart sew fiż-żoni urbani u sew fiż-żoni rurali.

**Tissaħħaħ l-amministrazzjoni pubblika fil-qasam ambjentali**

146. Tkompli tissaħħaħ l-amminstrazzjoni pubblika fil-qasam ambjentali permezz ta’ tibdil fl-Awtorità Maltija ta’ l-Ippjanar u l-Ambjent, il-MEPA, biex issir aktar addattata għaċ-ċirkustanzi ta’ llum. Ir-reviżjoni trid:
   a) Inżidu aktar l-effiċjenza skond miri stabbiliti,
   b) Inkomplu nżidu t-trasparenza u l-*accountability*,
   c) Niżguraw li jkomplu jonqsu l-inkonsistenzi fid-deċizjonijiet sabiex ħadd ma jħossu li ġie trattat differenti minn ħaddieħor u
   d) Fuq kollox, isaħħaħ l-infurzar.

147. Issir distinzjoni aktar netta bejn applikazzjonijiet għal tibdil jew żvilupp ta’ natura żgħira f’residenzi jew negozji diġà eżistenti u applikazzjonijiet ta’ żvilupp ġdid jew mill-ġdid ta’ spazji. B’hekk tiġi attakkata aktar il-burokrazija bla bżonn.

148. Inkomplu nsaħħu l-involviment aktar dirett tas-soċjetà ċivili fil-MEPA b’aktar spazju għall-konsultazzjoni diretta ma’ għaqdiet non-governattivi u għas-soċjetà ċivili, inkluż ir-residenti, qabel jittieħdu deċiżjonijiet li jolqtu għadd kbir ta’ nies fuq bażi lokali jew nazzjonali.

149. Jittieħdu miżuri biex tikber it-trasparenza u l-fiduċja f’*environmental impact assessments* u r-riżultati tagħhom.

150. Inwaqqfu Fond għall-Kampanja, fi sħubija mas-soċjetà ċivili, sabiex tkun tista' tiġi akkwistata art barra l-konfini biex tiġi ritornata għall-istat naturali tagħha, jiġi żgurat aċċess akbar għall-kampanja u titħalla għat-tgawdija tal-pubbliku u tal-ġenerazzjonijiet futuri.

151. Insaħħu l-ġlieda kontra l-bini illegali barra mill-konfini.

**Nagħtu sehemna għax, bħala gżira, it-tibdil fil-klima jolqot lilna wkoll**

Naħdmu biex nagħtu sehemna fil-ġlieda kontra t-tibdil tal-klima bil-mira li nnaqqsu l-emissjonijiet ta' diossidu karboniku b'20% sas-sena 2020. Dan inwettquh billi:

***Azzjoni mill-Gvern***

152. Tkompli tiġġedded l-infrastruttura ta' ġenerazzjoni ta' l-elettriku filwaqt li tiżdied l-effiċjenza fil-ġenerazzjoni u d-distribuzzjoni b'użu ta' *fuel* li jniġġeż anqas lill-ambjent.

153. Malta tkun tista' tixtri l-enerġija tagħha permezz ta' link mal-grid Ewropew ta' l-elettriku.

154. Tingħalaq il-*Power Station* tal-Marsa sal-2015 skond il-pjan tal-ġenerazzjoni ta' l-Enemalta, filwaqt li jsir investiment, b'fondi ta' l-Unjoni Ewropea, sabiex jiġi indirizzat it-tniġġiż ta' l-arja mill-*Power Station* ta' Dellimara.

155. Ninvestu f'teknoloġiji u nimplimentaw skemi ħalli l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija elettrika tiżdied. Fost l-oħrajn isir xogħol ħalli ntejbu l-effiċjenza fis-settur industrijali filwaqt li tiġi mnedija *dual tariff system* ħalli l-ġenerazzjoni ta' l-elettriku ssir aktar stabbli.

156. Ninvestu f'teknoloġiji li jiġġeneraw l-enerġija mir-riħ, xemx, skart u sorsi oħra li jiġġeddu ħalli jiġu sfruttati fl-aħjar interess ta' pajjiżna bil-għan li sal-2020 nilħqu l-mira ta' 10% ta' l-enerġija ġġenerata minn sorsi alternattivi. Għal dan il-għan, isir proġett ta' *wind farms* fil-baħar, għoxrin mil 'il barra mill-kosta, biex niġġeneraw bejn 75MW u 100MW. Dan huwa ftit anqas minn 20% ta' l-enerġija ġenerata mill-*Power Stations* tal-Marsa u Dellimara flimkien.

157. Il-Gvern jagħti l-eżempju billi jkompli jgħammar bini pubbliku, inkluż skejjel, sptarijiet u toroq b'sistemi li jużaw enerġija alternattiva, filwaqt li fix-xiri tiegħu (*public procurement*) il-Gvern jingħata vantaġġ lill-kumpaniji li joffri prodotti u soluzzjonijiet ambjentalment superjuri.

***Inċentivi għall-familji u l-privat***

158. Nestendu b'mod sostanzjali l-inċentivi biex il-familji u n-negozji jinvestu bis-serjetà fl-użu ta' l-enerġija nadifa bħal *solar water heaters* u *photovoltaic panels*. Nagħmluha wkoll aktar attraenti li d-djar u n-negozji jkunu jistgħu jbigħu l-enerġija nadifa żejda li jiġġeneraw lura lill-grid nazzjonali ta' l-elettriku b'rati aktar attraenti mil-lum. B'hekk il-familja u n-negozji tagħna jiffrankaw fuq il-kontijiet tad-dawl u l-ilma.

159. Jissoktaw ukoll l-iskemi ta' *rebates* fuq xiri ta' appliances li jaħlu inqas enerġija.

160. Indaħħlu skema fejn kull familja tingħata 5 bozoz *energy saving* fis-sena għal sentejn. Familja medja li tibdel għaxar bozoz ta' 100 watt mistennija li tiffranka aktar minn €200 fis-sena.

161. Ninvolvu lis-settur privat, permezz ta' *public private partnerships*, biex insostnu proġetti ta' interess nazzjonali marbuta mal-ġenerazzjoni ta' sorsi alternattivi ta' enerġija kif ukoll biex inħajru jiftħajru "intrapriżi ħodor" jiftħu f'Malta.

162. Qed nippjanaw li nallokaw madwar €33 miljun għal dawn l-iskemi u dawk li jħajru l-investiment f'enerġija nadifa.

***Għajnuna għal aktar riċerka***

163. Jinħoloq Fond għar-Riċerka dwar teknoloġiji li jnaqqsu l-emissjonijiet u li jkunu adattati għaċ-ċokon ta' pajjiżna.

164. Malta żżid ir-riċerka tagħha fuq alga tal-baħar sabiex dawn ikunu jistgħu jibdew jintużaw bħala sors ta' enerġija nadifa.

165. Jitwaqqaf ċentru, fi ħdan l-Università ta' Malta, sabiex ir-riċerka li tkun waslet fi stadju ta' *proto-typing* tigi implimentata f'pajjiżna għat-testijiet neċessarji.

166. Issir riċerka sabiex l-enerġija li ġejja mill-iskart tintuża għall-produzzjoni ta' l-ilma tax-xorb.

**Proġetti ambjentali finanzjati mill-Unjoni Ewropea**

Fil-qasam ta' l-ambjent se jiġu allokat mat-€300 miljun f'fondi mill-Unjoni Ewropea u se jiġu finanzjati bosta proġetti. Fost dawn se jkun hemm proġetti kbar, bħal:

167. It-tkomplija tal-proġett ta' rijabilitazzjoni tal-Magħtab,

168. Tkompli tissaħħaħ l-infrastruttura għall-immaniġġjar ta' l-iskart.

169. Il-bini ta' l-impjant tat-trattament tad-drenaġġ fin-Nofsinhar ta' Malta. Hekk kif jitlesta dan l-impjant, id-drenaġġ kollu jkun qed jiġi trattat u ma jibqa' jintrema l-ebda drenaġġ mhux trattat fil-baħar. B'hekk, jiġi massimizzat ukoll l-użu ta' *second class water* meta dan ikun vijabbli.

170. Proġett li jindirizza l-emissjonijiet fil-*Power Station* ta' Dellimara.

171. Proġett kbir biex isolvi l-problema tal-għargħar fil-lokalitajiet ta' Ħal Lija, Ħal Balzan, l-Iklin, Birkirkara u l-Imsida.

172. Ma' l-2,000 dar tibbenefika minn proġetti marbuta ta' investiment f'enerġija alternattiva.

**Inħarsu n-natura u l-biodiversità**

173. Jitħejjew u jibdew jitwettqu pjanijiet ta' mmaniġġjar ta' siti ta' importanza ekoloġika li jaqgħu taħt Natura 2000. L-istess isir f'żoni marittimi protetti.

174. Titkompla l-kampanja *Tree for You* billi jiġu identifikati żoni ġodda għall-afforestazzjoni, minbarra l-erba' siti ġodda li ġew identifikati u mħabbra fl-aħħar Baġit. Nistmaw li fil-ħames snin li ġejjin inkunu żrajna mill-anqas 150,000 siġra, jiġifieri mat-30,000 siġra fis-sena.

175. Jitħejja pjan għall-protezzjoni tal-ħamrija.

**Ħarsien ta' l-annimali**

176. Jitkompla x-xogħol fuq it-tlestija taċ-ċentru għall-ħarsien ta' l-annimali f'Ta' Qali wara li issa ħarġu l-permessi kollha meħtieġa, tlestew il-pjanti u nħarġu t-tenders.

177. Jittieħdu aktar miżuri favur il-protezzjoni ta’ l-annimali u jiżdied l-involviment ta’ għaqdiet mhux governattivi impenjati f’dan il-qasam, fosthom permezz taċ-ċentru ta’ rijabilitazzjoni u kura ta’ l-annimali li qed jiġi żviluppat.

178. Jitwettaq programm ta’ taħriġ għal staff li jkun jista’ jgħin f’santwarji ta’ l-annimali filwaqt li jitkompla l-programm li bih impjegati tal-Gvern ikunu jistgħu jingħataw *secondment* biex jaħdmu f’dawn is-santwarji.

179. Ikun implimentat programm ta’ identifikazzjoni diġitali permezz ta’ *micro-chipping* ta’ l-annimali domestiċi, bl-ewwel fażi tikkonċentra fuq il-klieb.

180. Jistlesta, f’Xrobb l-Għaġin, Dellimara, post ta’ riabilitazzjoni għal annimali slavaġġ bħal fkieren, għasafar u dniefel b’fondi minn-Norveġja.

181. Titwaqqaf fondazzjoni li tikkoordina proġetti relatati mal-ħarsien ta’ l-annimali.

**Il-kaċċa u l-insib**

182. Fil-kuntest tar-realtajiet lokali, il-kaċċa u l-insib għandhom ikunu prattikati b’tali mod li jkunu sostenibbli. Dan irid isir ukoll fl-aħjar interess ta’ l-ambjent naturali u t-tgawdija tiegħu. Il-kaċċa u l-insib jiġu prattikati b’konformità mar-regolamenti ta’ l-Unjoni Ewropea, kif interpretati mill-Qorti Ewropea.

**Naqtgħu l-ħela ta’ l-ilma**

183. Issir kampanja edukattiva qawwija ħalli naqtgħu l-ħela ta’ l-ilma filwaqt li l-użu tal-bir, anki fejn hemm kondominji, jiġi infurzat.

184. Titjieb l-effiċjenza fil-produzzjoni ta’ l-ilma filwaqt li gradwalment jitrażżan l-użu illegali ta’ l-ilma tal-pjan għaliex jingħata lill-bdiewa sors ieħor ta’ ilma għat-tisqija.

185. Jiġi sfruttat l-ilma tax-xita ħalli jkun utilizzat għall-benefiċċju tagħna.

**Ambjent tajjeb għal saħħitna**

186. Wara li tkabbru l-ispazji pubbliċi għar-rikreazzjoni tal-familji f’Ta’ Qali u f’Kennedy Grove u wara t-tnedija tal-park fix-Xagħra l-Ħamra, inkomplu niftħu aktar il-kampanja sabiex intejbu l-kwalità ta’ ħajja tal-familji Maltin u Għawdxin. Dawn il-miżuri jservu wkoll sabiex tkompli tiġi mħarsa l-kampanja.

187. Innaqsu l-emissjonijiet fl-arja, l-art u l-baħar u nkomplu nnaqsu l-użu ta’ pestiċidji fl-agrikoltura.

**Nużaw ir-riżorsi b’mod sostenibbli**

188. Fix-xiri tiegħu l-Gvern jagħti vantaġġ lil kumpaniji li joffri prodotti u soluzzjonijiet ambjentalment superjuri (*green public procurement*).

189. Inwettqu politika ambjentali dwar it-tqattigħ u r-rimi tal-ġebla tagħna li llum sar riżors naturali limitat ferm.

190. Inżidu l-isforzi tagħna sabiex niġbru aktar skart għar-riċiklaġġ f’kooperazzjoni mas-settur privat.

**Nirbħu l-isfida ta’ l-immaniġġjar ta’ l-skart**

191. Mill-1 ta’ April li ġej tidħol fis-seħħ is-sistema ta’ separazzjoni ta’ l-iskart domestiku.

192. Inkomplu naġġornaw u nwettqu l-istrateġija għall-immaniġġjar ta’ l-iskart b’enfasi fuq il-prinċipji ta’ tnaqqis u riċiklaġġ u fuq teknoloġiji avvanzati.

193. Naħdmu ma’ għaqdiet ambjentali u residenti viċin impjanti li jitrattaw l-iskart biex inaqqsulhom l-inkonvenjent u jigwadanjaw aktar benfiċċji li jistgħu jinkisbu.

194. Ninċentivaw lis-settur privat jerfa’ r-responsabbiltà għall-materjal li jpoġġi fuq is-suq, b’mod partikolari l-ippakkjar, prodotti elettroniċi, batteriji, karrozzi u oħrajn.

195. Jitwaqqfu faċilitajiet fil-portijiet fejn jiġi mmaniġġjat l-iskart solidu u likwidi ta’ biċċiet tal-baħar.

196. Jiġi mfassal u implimentat pjan għal immaniġġjar ta’ żejt maħruq. Dan l-iskart żdied issa li l-industrija marittima qabdet rittmu tajjeb ħafna.

197. Insaħħu l-infurzar ħalli jonqos dejjem rimi abbużiv ta’ skart f’żoni urbani u rurali.

198. Kull produttur li jidħol fi skema ta’ immanigġġjar ta’ skart ta’ l-ippakkjar jiġi eżentat mill-eko-kontribuzzjoni.

**Inkattru l-kultura favur l-ambjent**

199. Insaħħu l-aċċess għal informazzjoni ambjentali u noffru inċentivi għal azzjonijet favur l-ambjent.

200. Inkomplu nedukaw lis-soċjetà tagħna, b’mod partikolari lit-tfal permezz ta’ programmi bħal Eko-Skola, dwar l-oqsma ambjentali kollha u x’rwol kull wieħed u waħda minna għandu.

201. Inħajru lis-setturi industrijali jinvesti aktar f’*eco-innovation* permezz ta’ riċerka u żvilupp u f’kollaborazzjoni ma’ l-Università.

**Trasport**

202. Jitkompla x-xogħol fl-immodernizzar tat-toroq kollha, kemm dawk primarji u kemm dawk sekondarji.

203. Jiżdied l-użu ta’ *fuel* differenti li ma jagħmilx ħsara lil ambjent b’mira ta’ 10% f’użu ta’ *fuels* oħra bħall-*bio-fuel*.

204. Jissaħħaħ l-infurzar biex jiġi kkontrollat aktar it-tniġġiż ta’ l-arja mis-settur tat-trasport, b’mod partikolari it-trasport pubbliku, vetturi tal-Gvern u trakkijiet tal-kostruzzjoni.

205. L-amministrazzjoni pubblika tibda tuża mezzi ta’ transport *hybrid* fuq medda ta’ ħames snin.

206. Nifirxu aktar is-sistema tal-*Park and Ride* u parking preferut għal karrozzi li ma jniġġsux l-ambjent.

207. Inżidu ż-żoni pedonali u żoni għall-użu tar-roti.

208. Titnieda skema mal-Kunsilli Lokali li permezz tagħha ssir promozzjoni ta' l-użu tar-roti u li tagħti inċentiv lill-kunsilli li l-aktar jirnexxilhom iżidu l-użu tar-roti fost ir-residenti tagħhom.

209. Insaħħu s-settur tat-trasport pubbliku sabiex ikun wieħed ta' servizz għal kull Malti u turist filwaqt li jiżdiedu r-rotot tat-trasport pubbliku direttament bejn bliet differenti mingħajr ma jkollhom għalfejn jgħaddu mir-rotta tal-Belt

210. Nestendu l-*e-government* għar-relazzjoni bejn il-Gvern u s-settur privat biex ikun hemm koordinament aħjar tat-trasport kummerċjali u dak pubbliku.

211. Issir u titwettaq strateġija nazzjonali dwar l-immaniġġjar tat-traffiku.

**Proġetti ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea fil-qasam tat-trasport**

212. Jiġu ffinanzjati minn fondi ta' l-Unjoni Ewropea proġetti kbar fil-qasam tat-trsaport, fosthom il-bini ta' toroq arterjali f'Ħal-Luqa, il-Furjana, il-Gżira, il-Mellieħa u r-Rabat, Għawdex u aktar tard fil-Marsa u f'Paceville/St Andrews.

213. Jiġi finanzjat ukoll il-bini ta' terminal ġdid tal-passiġġieri fiċ-Ċirkewwa u l-*upgrading* tal-faċilitajiet tal-port fil-Port il-Kbir u f'Marsamxett.

**Politika marittima Ewropea: opportunità kbira**

214. Inkomplu nimmodernizzaw l-infrastruttura fil-portijiet u jiżdiedu r-rotot bil-baħar.

215. Inkomplu nisfruttaw il-potenzjal kbir tagħna bħala pajjiż marittimu li joffri servizzi marbuta mar-reġistru marittimu, portijiet u marini tal-jottijiet, bajjiet, *diving, cruise liners*, sajd, akwakultura, filwaqt li nagħtu spazju għal servizzi marittimi innovattivi.

# Biex ħadd ma jibqa' lura

Aħna soċjetà bi struttura ta' appoġġ soċjali b'saħħitha. Din l-istruttura rridu nkomplu naġġornawha u nsaħħuha. Għax nemmnu fis-solidarjetà naraw li ħadd ma jibqa' lura u li kull kategorija li tħoss ruħha mwarrba, ngħinuha tintegra fis-soċjetà.

**Inkomplu nissussidjaw is-*surcharge* fuq l-elettriku**

216. Inkomplu nissussidjaw is-*surcharge* fuq l-elettriku kif diġà qed nagħmlu ma' kulħadd u nkomplu nissussidjaw b'mod partikolari lil dawk il-familji li l-aktar huma fil-bżonn bħalma diġà qed nagħmlu ma' madwar 30,000 familja. Fl-istess ħin nevitaw soluzzjonijiet fiergħa, bħalma hi l-idea falza li nnaqqsu s-*surcharge* b'mod li mhux sostenibbli billi naħbu mill-poplu l-prezz veru li qed iħallas il-pajjiż għaż-żejt.

**Biex ħafna aktar isiru sidien ta' djarhom**

217. Illum il-Gvern diġà jissussidja l-interessi fuq *home loans* sa massimu ta' 1% fuq ir-rata bażi ta' l-interessi meta din taqbeż it-3.75%. L-iskemi ta' għajnuna lill-koppji ġodda u lil dawk li qed jixtru l-ewwel dar tagħhom jiġu estiżi aktar.

218. Inlestu l-490 dar li l-Awtorità tad-Djar qiegħda tibni fi 17-il lokalità differenti madwar Malta u Għawdex. Nibdew ukoll il-bini ta' 550 dar li huma diġà bil-permessi tal-MEPA filwaqt li jinbeda l-proċess ta' l-ippjanar ta' numru ta' djar oħra. Il-mira hi li l-Awtorità tad-Djar tipprovdi medja ta' 250 dar ġdida fis-sena.

219. Filmkien ma' dan, l-Awtorità tad-Djar tkompli l-iskemi li diġà tipprovdi kif ukoll toħroġ oħrajn ġodda, inkluż bil-ħolqien ta' *social housing market*. Dan ikun magħmul minn stokk ta' djar biex jaqdi l-ħtiġijiet temporanji ta' persuni li jkunu għaddejjin minn mumenti ta' diffikultà kbira.

220. Naraw li l-*housing units* tal-Gvern ikunu mħarsa u jwensu lill-inkwilini fil-bżonnijiet soċjali tagħhom filwaqt li jinżammu fi stat ta' manutenzjoni tajba u jagħmlu użu minnhom biss dawk li huma eliġibbli.

221. Inkomplu naħdmu mas-settur privat, kemm permezz ta' xiri kif ukoll permezz ta' kiri, biex ikun hawn akkomodazzjoni xierqa u aċċessibbli għal kull min għandu bżonn.

222. Nirriformaw il-Liġi tal-Kera bil-għan li waqt li tingħata protezzjoni lill-inkwilini preżenti fejn hi meħtieġa, issir ġustizzja mas-sidien fl-iqsar żmien possibbli. Bħala miżura inizjali, neżentaw mit-taxxa tad-dħul il-kera ta' proprjetajiet li għandhom kirjiet residenzjali kontrollati. Tinħoloq ukoll skema biex sidien ta' proprjetà b'kirjiet baxxi ħafna jkunu jistgħu jtejbu l-kundizzjoni tal-proprjetà mikrija tagħhom.

**Il-familja fiċ-ċentru tal-viżjoni tagħna**

223. Niżviluppaw, flimkien ma' l-imsieħba soċjali, aktar miżuri u inċentivi biex insaħħu l-bilanċ bejn il-familja u x-xogħol.

224. Inħarsu mill-qrib lejn is-sistemi tal-benefiċċji soċjali biex nagħtu appoġġ aktar personalizzat lill-familji fil-bżonn filwaqt li nkomplu naħdmu biex innaqqsu l-abbuż.

225. Insaħħu l-ġlieda kontra l-vjolenza domestika.

226. Nagħtu aktar riżorsi lill-Qorti tal-Familja filwaqt li nkomplu ngħinu lill-għaqdiet volontarji li jaħdmu biex isaħħu l-familji tagħna.

**Inkomplu niftħu l-bibien ta' l-opportunitajiet għaż-żgħażagħ**

Il-proposti kollha tal-PN f'dan il-Manifest Elettorali huma ta' l-akbar benefiċċju għaż-żgħażagħ u l-familji tagħhom, speċjalment dawk li għandhom x'jaqsmu ma' l-edukazzjoni, ix-xogħol, l-ambjent, is-saħħa, id-djar u l-isport. Minbarra dawn il-proposti, il-PN fil-Gvern:

227. Isaħħaħ il-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ biex dan ikun aktar rilevanti fl-aġġornament u t-twettiq tal-Politika Nazzjonali taż-Żgħażagħ u jtejjeb l-istrutturi pubbliċi ta' appoġġ għall-akbar involvement taż-żgħażagħ fit-tifsil tal-politika u fil-parteċipazzjoni fil-qasam tal-volontarjat u fil-ħajja kulturali u sportiva.

228. Jassigura programm u miżuri b'saħħithom ta' edukazzjoni, promozzjoni u prevenzjoni biex iż-żgħażagħ jagħrfu s-sbuħija tal-ħajja u l-ħsara għas-saħħa u l-ħajja tagħhom ta' l-abbuż mid-drogi, alkoħol, tipjip u stili ta' ħajja oħra li jkollhom effett fuq il-ħajja fiżika, emozjonali u psikoloġika tagħhom.

229. Jinċentiva l-parteċipazzjoni ta' l-istudenti u ż-żgħażagħ fil-programmi ta' l-Unjoni Ewropea li jġibu magħhom esperjenza mill-isbaħ u jgħinu ħafna fl-iżvilupp tal-personalità sħiħa taż-żgħażagħ tagħna.

**Ngħożżu t-tfal tagħna kollha**

230. Jiżdiedu l-opportunitajiet biex tfal bi żvantaġġ soċjali jintegraw aħjar ma' tfal oħra bl-għan li jirnexxu lkoll.

231. Jissaħħaħ is-servizz ta' l-Avukat tat-Tfal u jżid miżuri sabiex iħares aktar lil dawk it-tfal li jkollhom jidhru fil-Qrati.

232. Isir ċentru residenzjali għat-tfal subien b'imġieba diffiċli ħafna, bħalma jeżisti diġà għall-bniet.

233. Isir titjib tal-*probation services* b'żieda tan-numru u rikonoxximent aħjar tal-*probation officers.*

234. Jitneħħew l-aħħar ftit elementi ta' diskriminazzjoni fil-liġi tas-suċċessjoni kontra l-ulied imwielda barra miż-żwieġ.

**Biex ikollna aktar ugwaljanza**

235. Il-Kummissjoni Nazzjonali dwar il-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza tingħata responsabbiltà li tara li ma jkun hemm l-ebda tip ta' diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol u li tħares kontra kull tip ta' diskriminazzjoni fejn dan s'issa mhux kopert b'mod effettiv.

236. Jingħataw aktar inċentivi biex jinvolvi għaqdiet volontarji fi proġetti soċjali.

**L-Anzjani tagħna,**
**kwart tal-popolazzjoni,**
**inkomplu ngħożżuhom**

237. Aktar skemi u inizjattivi favur l-anzjani biex jibqgħu jgħixu f'darhom, inkluż dik tan-*Night Shelter*, u biex jiżdied l-involviment tagħhom f'għaqdiet volontarji u Kunsilli Lokali.

238. Titwettaq il-mizura li parti min-nefqa li jonfqu l-anzjani u l-familji tagħhom fuq servizzi residenzjali privati jiġu eżentati mit-taxxa tad-dħul. Din il-miżura tiġi estiża wkoll għal anzjani li jibqgħu jgħixu fi djarhom jew fid-djar tal-familji tagħhom u li jħallsu għal servizzi fil-komunità.

239. Aktar djar residenzjali ta' kwalita filwaqt li l-esperjenza pożittiva tad-dar tal-Mellieħa, bi sħab mal-privat, tinfirex biex inżidu n-numru ta' sodod għal kura fit-tul fin-Nofsinhar ta' Malta.

240. Jiġi estiż is-servizz tar-*respite* li sal-lum jingħata minn San Vinċenz u minn Zammit Clapp għad-djar ta' l-anzjani fil-komunità.

241. Jitkompla l-proċess ta' modernizzar f'San Vinċenz u fid-djar ta' l-anzjani.

**Iktar titjib fil-pensjonijiet**

242. Titkompla r-riforma tal-pensjonijiet biex nassiguraw li ġenerazzjonijiet futuri jkollhom pensjonijiet xierqa. Ir-riforma ma taffettwax lil min hu pensjonant diġà.

243. Jiddaħħlu aktar miżuri biex intejbu l-kwalità tal-ħajja tal-pensjonanti ta' llum u jissaħħu l-inċentivi għal dawk fosthom li jitħajru jkomplu jaħdmu.

244. Jiġu eliminati l-anomaliji li nħolqu tul iż-żmien għal min għandu l-pensjoni tas-servizzi u b'hekk jitkompla l-proċess li nbeda fil-Baġit li għadda.

245. Jiġi żgurat li l-mara tkun ittrattata b'mod aktar ġust fis-sistema tal-pensjonijiet.

**Soċjetà mingħajr xkiel, preġudizzju**
**u diskriminazzjoni lejn il-persuni**
**b'diżabbiltà u l-familji tagħhom**

246. Jiġu żviluppati skemi ġodda biex ħafna aktar persuni b'diżabbiltà jsibu jaħdmu.

247. Ma naqblux li persuni b'diżabbiltà għandhom jitpoġġew ġewwa istituzzjoni bħall-bini ta' l-Isptar San Luqa kif qed jipproponi l-Partit Laburista. Għall-kuntrarju, inkomplu ninvestu fl-aġenzija Sapport biex jiżdiedu s-servizzi ta' sapport u residenzjali fil-komunità għall-persuni b'diżabbiltà.

248. Tkompli tissaħħaħ il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabbiltà biex tkun f'pożizzjoni aħjar li tkompli tiġġieled d-diskriminazzjoni minħabba diżabbiltà u biex tippromovi l-għarfien ta' dan il-qasam.

249. L-għaqdiet mhux governattivi ta' persuni b'diżabbiltà jingħataw aktar appoġġ biex ikunu jistgħu jieħdu sehem akbar fil-promozzjoni tad-drittijiet ta' persuni b'diżabbiltà.

250. Tissokta l-politika tal-PN biex jiżdied l-aċċess għal persuna b'diżabbiltà fit-trasport pubbliku u f'postijiet pubbliċi, inkluż il-bajjiet.

251. Isiru t-tibdiliet li hemm bżonn biex f'qasir żmien Malta tkun f'pożizzjoni li tirratifika l-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda Dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà.

**Vittmi tad-droga u sustanzi oħra**

252. Ikomplu jissaħħu s-servizzi għal vittmi ta' droga u għal persuna oħra li jista' jisfaw emerġinati.

253. Titwaqqaf Taqsima ta' Koordinazzjoni Nazzjonali dwar id-Droga u l-Alkoħol sabiex jimplimenta l-politika nazzjonali f'dan il-qasam b'mod aktar koordinat.

# Serħan tal-moħħ bi Gvern li jisimgħek u jieħu ħsiebek

Il-poplu jixraqlu Gvern b'amministrazzjoni pubblika ta' livell għoli u b'imġieba xierqa. Il-PN jemmen li l-amministrazzjoni pubblika għandha tkompli tissaħħaħ filwaqt li ssir aktar miftuħa u aktar *accountable*.

Persuni fl-amministrazzjoni pubblika għandu jkollhom mġieba li turi rispett lejn il-fiduċja li l-poplu ikun qiegħed fihom.

Il-PN jemmen ukoll li l-Gvern għandu jiggarantixxi l-ħarsien tal-liġi, il-libertajiet ċivili u l-protezzjoni taċ-ċittadini sabiex kulħadd iħoss li huwa protett u jsib il-wens meta jeħtieġ.

## *Proposti għal settur pubbliku aktar miftuħ u aktar effiċjenti*

**Servizz aktar effiċjenti**

254. Il-liġi dwar l-Amministrazzjoni Pubblika tiġi mgħoddija mill-Parlament b'konsiderazzjoni għal tibdil li diġà ġie propost fl-istadju ta' konsultazzjoni, bl-iskop li s-servizz u s-settur pubbliku jagħtu servizz aktar effiċjenti lill-poplu u lis-setturi soċjali u ekonomiċi.
255. Inkomplu nnaqsu d-dipendenza tat-tkabbir ta' l-ekonomija fuq in-nefqa tal-Gvern billi s-settur pubbliku jkompli jsir aktar effiċjenti filwaqt li nkomplu inwettqu r-riformi meħtieġa biex ikollna ekonomija aktar flessibbli u kompetittiva.

**Aktar *accountability***

256. Fi ħdan il-Kummissjoni Permanenti Kontra l-Korruzzjoni jinħatar Prosekutur Speċjali b'poteri eżekuttivi ta' investigazzjoni u prosekuzzjoni filwaqt li l-membru tal-Kummissjoni jinħatru bi qbil bejn il-partit politiċi rappreżentati fil-Parlament u ċ-*Chairman* jinħatar b'deċiżjoni awtonoma tal-President.

257. L-Uffiċċju ta' l-Ombusdman jingħata r-responsabbiltà li jikkoordina l-proċessi dwar l-ilmenti amministrattivi fis-settur pubbliku kollu.

**Aktar trasparenza**

258. Ħatriet f'bordijiet tal-Gvern isiru wara sejħa pubblika għal applikazzjoni.
259. Iċ-*chairpersons* ta' awtoritajiet regolatorji jidhru regolarment quddiem il-Kumitat Parlamentari appożitu sabiex jispjegaw il-*policies* ta' l-awtorità tagħhom.
260. Issir liġi dwar il-Libertà ta' l-Informazzjoni sabiex ikun hemm aktar trasparenza u biex tiġi msaħħa d-demokrazija tagħna.
261. Issir liġi wara l-Protezzjoni tal-*Whistleblowers* sabiex tiżdied it-trasparenza u l-*accountability* fl-amministrazzjoni pubblika.

**Gvern ta' kulħadd li jikkonsulta ma' kulħadd**

262. Jissaħħaħ ir-rwol tal-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonoku u Soċjali, l-MCESD, filwaqt li jingħata wkoll il-mandat li jkopri d-dimensjoni ambjentali fil-proċess ta' djalogu soċjali.

263. Jingħata aktar appoġġ lill-għaqdiet li jirrappreżentaw lis-soċjetà ċivili u jitwessa' d-djalogu magħhom.

**L-Amministrazzjoni tal-ġustizzja**

264. Wara r-riformi li saru fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja li wasslu għal tnaqqis fin-numru tal-kawżi pendenti fil-Qorti, inkomplu nieħdu aktar miżuri sabiex il-ġustizzja mhux biss issir, iżda ssir fi żmien xieraq.

## *Proposti għal sigurtà akbar*

**Jitwaqqaf Laboratorju tad-DNA**

265. Jitwaqqaf laboratorju tad-DNA fil-Korp tal-Pulizija biex tissaħħaħ l-investigazzjoni tal-kriminalità.

**Akkademja ġdida tal-Pulizija**

266. Tinbena akkademija ġdida tal-Pulizija f'Ta' Kandja attrezzata bl-aħjar mezzi u tagħmir u tingħata status ta' Kulleġġ tal-Pulizija biex ikompli jissaħħaħ ir-rwol tal-pulizija fil-ħarsien tal-liġi u l-ġlieda kontra l-kriminalità.

**'Tags' elettroniċi fuq akkużati b'reati serji**

267. Jiġu introdotti *tags* elettroniċi għal persuni li, akkużati b'reati serji, jinħelsu bi pleġġ sakemm jgħaddu ġuri jew jintemmu il-proċeduri kriminali kontrihom.

**Jitwaqqaf reġistru tal-ħatja ta' reati sesswali**

268. Jitwaqqaf reġistru wieħed ta' ismijiet ta' persuni li nstabu ħatja ta' reati sesswali serji - l-aktar dawk kommessi fuq it-tfal – li jkun aċċessibbli għal forzi ta' l-ordni u istituzzjonijiet uffiċjali li għandhom interess li jkunu jafu din l-informazzjoni.

**Titwaqqaf skola fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin**

269. Titwaqqaf skola fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin li tiġbor fiha s-servizzi edukattivi kollha mogħtija lill-priġunieri, bi struttura għaliha.

**Naġġornaw il-liġi dwar id-droga**

270. Il-Liġi dwar id-Droga tiġi emendata sabiex persuni li huma vittmi tad-drogi u jużawha, jingħataw trattament dejjem iżjed differenti mit-traffikanti ta' droga.

**Issir liġi dwar il-'parole'**

271. Issir liġi dwar il-*parole* li tkun amministrata minn ġudikant, sabiex dawk li verament jirriformaw ruħhom jibbenifikaw minnha b'ħelsien qabel iż-żmien "bi prova".

**Inkompli nindirizzaw l-isfida ta' l-immigrazzjoni**

F'pajjiżna kiber il-fenomenu ta' nies barranin li jiġu hawn mhux bħala turisti iżda biex ifittxu kenn mill-persekuzzjoni jew ħajja aħjar fl-Ewropa. Bosta minnhom jiġu salvati mill-għarqa wara vjaġġi klandestini organizzati minn xibka ta' kriminali li jġorru immigranti illegali mix-xtut ta' l-Afrika ta' Fuq lejn l-Ewropa, ħafna drabi b'konsegwenzi traġiċi. Pajjiżna dejjem ta sokkors lil min verament għandu bżonn.

272. Għall-immigranti li ħaqqhom kenn minn persekuzzjoni inkomplu naqdu d-doveri tagħna skond il-liġi internazzjonali u ngħinuhom imorru f'pajjiżi oħra, filwaqt li nkomplu ninsistu għal aktar *burden sharing* fuq livell Ewropew. Naraw ukoll li jiġux sfruttati billi jitħaddmu bla permess.

273. Inkomplu nimpenjaw ruħna kontra r-razziżmu u x-xenofobija.

274. Għall-immigranti illegali li m'għandhom l-ebda dritt jibqgħu Malta, inkomplu nsaħħu l-politika ta' ripatrijazzjoni. F'dawn l-aħħar snin, diġà ntbagħtu lura jew telqu aktar minn 5,000.

275. Sabiex jitħaffef il-proċess ta' ripatriju jinħatar mibgħut speċjali (*Special Envoy*) biex jinnegozja ripatriju direttament mal-pajjiżi ta' oriġini.

276. Inkomplu ninsistu wkoll biex l-Unjoni Ewropea ssaħħaħ l-għodda tagħha f'dan ir-rigward u nużaw il-Fond Ewropew tar-Ritorn li għadu kemm twaqqaf biex isiru vjaġġi ta' ripatriju.

277. Inkomplu nsaħħu l-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali, b'mod partikolari fil-qafas ta' l-istrutturi ta' l-Unjoni Ewropea u l-aġenzija tagħha Frontex. Matul din is-sena, fuq insistenza tal-Gvern Malti, Frontex se tissokta b'din il-ħidma permezz ta' rondi matul l-istaġun sħiħ fuq medda ta' sitt xhur.

**Ir-rwol ta' l-Armata**

278. Insaħħu aktar il-mezzi ta' l-AFM biex tħares l-ibħra territorjali ta' Malta, b'mod partikolari fil-qasam ta' l-immigrazzjoni llegali billi ntejbu u nimmodernizzaw il-mezzi tagħha. B'mod partikolari, jitwettqu tliet proġetti finanzjati mill-Unjoni Ewropea li jikkonsistu fix-xiri ta' ajruplan *fixed-wing*, l-immodernizzar ta' l-infrastruttura tal-komunikazzjoni ta' l-AFM għall-ħarsien tal-fruntieri marittimi u l-istallar ta' *apparat thermal imagining* għall-ħarsien tal-kosta. Dan, b'valur ta' aktar minn €15-il miljun li tliet kwarti minnhom jinkisbu mill-Unjoni Ewropea.

279. Tissaħħaħ il-ħidma ta' l-AFM fill-ħarsien tal-fruntieri marittimi tal-pajjiż, permezz ta' parteċipazzjoni akbar fil-missjonijiet ta' l-aġenzija ta' l-Unjoni Ewropea, Frontex, bil-għan li titkompla l-ġlieda kontra t-traffikar ta' l-immigranti permezz ta' vjaġġi illegali u perikolżi. Tkompli tingħata wkoll għajnuna għal pajjiżi ġara tagħna f'dan il-qasam.

280. Jissaħħu l-mezzi ta' l-AFM fil-qasam tat-tfittxija u s-salvataġġ, fost l-oħrajn billi jinxtara ħelikopter, b'valur ta' €7 miluni, finanzjat in parti mill-Gvern Amerikan.

281. L-AFM tara wkoll li taqsam l-esperjenza u l-għarfien tagħha fil-qasam tat-tfittxija u s-salvataġġ ma' ħaddieħor anki billi tissaħħaħ ir-reputazzjoni taċ-Ċentru ta' Taħriġ tagħha dwar it-Tfittxija u s-Salvataġġ bħala ċentru reġjonali ta' l-ogħla kwalità li jista' jgħin fit-tisħiħ tat-tfittxija u salvataġġ fil-baħar.

# Inkomplu ntejbu l-kwalità tal-ħajja

**Protezzjoni tal-konsumatur u kompetizzjoni**

Filwaqt li l-prezzijiet huma u jibqgħu liberalizzati, huwa xieraq li jibqa' jsir monitoraġġ pubbliku ta' prezzijiet ta' affarjiet essenzjali, bħall-ikel u mediċini, sabiex tissokta l-ġlieda kontra l-għoli tal-ħajja. Għal dan il-għan:

282. Jitwaqqaf kumitat konġunt bejn il-Gvern u l-imsieħba soċjali sabiex jeżaminaw fejn spejjeż li huma *government-induced* jistgħu jitnaqqsu jew jiġu eliminati.

283. Jissaħħaħ ir-regolatur responsabbli mill-Protezzjoni tal-Konsumatur u mill-Kompetizzjoni u jinkorpora fih r-responsabbiltà tal-monitoraġġ tal-prezzijiet.

284. Din l-aġenzija tibni fuq ix-xogħol siewi li qed iwettaq il-Kumitat Nazzjonali għall-Bidla għall-Ewro (NECC) fil-monitoraġġ tal-prezzijiet matul it-transizzjoni mill-lira għall-ewro u tkun f'pożizzjoni li toħroġ ċertifikati ta' Fair Deal lill-operaturi kummerċjali, li jsegwu ċerti kundizzjonijiet maqbula bejn ir-regolatur u l-imsieħba soċjali, fuq il-mudell ta' l-iskema Fair.

285. Tissaħħaħ l-informazzjoni lill-konsumaturi, inkluż fuq il-linji gwida bħal *Which?* sabiex tgħin lill-konsumaturi jkunu f'pożizzjoni aħjar li jagħmlu għażla infurmata.

286. Tiddaħħal il-possibbiltà ta' *class actions* għall-konsumaturi fejn parti waħda tkun tista' tressaq ilmenti u tibda proċeduri legali f'isem kategorija ta' persuni.

**Spinta lill-isport**

287. Jissokta l-investiment f'impjanti sportivi madwar Malta u Għawdex u f'faċilitajiet sportivi ta' l-ogħla livell, anki bi sħubija mal-privat u l-assoċjazzjonijiet, inkluż grawnd li jintuża għar-*rugby* u faċilitajiet għall-isparar.

288. Jiġi introdott, bħala parti mill-Istudji Soċjali, Sillabu ta' l-Isports, filwaqt li l-isport jingħata spazju akbar fil-formazzjoni ta' l-istudenti f'kull livell.

289. Titwaqqaf skola speċjalizzata ta' l-Isport f'livell sekondarju f'wieħed miċ-ċentri sportivi reġjonali bi sħab mal-Kumitat Olimpiku Malti.

290. Issir riforma taċ-ċentri sportivi reġjonali biex minnhom joħroġ programm ta' sport għal kulħadd u jiġu introdotti kompetizzjonijiet bejn l-iskejjel.

291. Sportivi Maltin f'livell nazzjonali li jaħdmu mal-Gvern u li jippromettu jingħataw l-opportunità li jaħdmu għoxrin siegħa u l-għoxrin siegħa l-oħra jattendu għal taħriġ professjonali.

**Stimulu għall-Kulturali Nazzjonali**

292. Sabiex jiġu apprezzati aktar l-artisti kontemporanji Maltin u Għawdxin, tiġi allokata somma kull sena sabiex jinxtraw xogħlijiet ta' artisti kontemporanji biex jitpoġġew f'bini pubbliku.

293. Tiġi addottata u mwettqa l-Politika Kulturali Nazzjonali biex il-poplu kollu jsir aktar konxju tiegħu nnifsu.

294. Titwaqqaf Akkademja Mediterranea tal-Mużika li tagħti appoġġ lill-każini tal-baned u lill-mużika popolari kreattiva fil-forom kollha tagħha.

295. Jitwaqqaf Artists' Village li jipprovdi faċilitajiet lill-artisti u li tipprovdi wkoll laboratorji u oportunitajiet ta' taħriġ speċjalment fil-*media* l-ġodda.

296. Jinbena l-Villaġġ tal-Karnival, inkluż mużew permanenti li jservi biex nimplimentaw programm ġenerali għat-tisħiħ ta' l-arti u s-snajja' etniċi.

297. Persentaġġ mit-taxxi mħallsa mill-kumpaniji ta' *online gaming* imur għall-Isport, Arti u Kultura filwaqt li jingħataw inċentivi biex kumpaniji jgħinu aktar lil dawn l-oqsma.

**Jinbnew it-Teatru Rjal u Bieb il-Belt**

298. Tkompli r-riġenerazzjoni tal-Belt Valletta. Tittieħed deċiżjoni finali u jinbeda l-proġett li jkopri d-daħla tal-Belt Valletta, inkluż Bieb il-Belt, Pjazza Ħelsien u s-sit tat-Teatru Rjal. Dawn il-progetti jimxu skond pjan immexxi minn struttura apposta biex jitlestew fi żmien stipulat u biex iħejju l-Belt Valletta għal meta tkun il-Belt Kulturali Ewropea fl-2018.

**Tisbiħ u restawr**

299. Jiġi intensifikat il-programm ta' tisbiħ u restawr ta' ġonna u bini storiku, kostruzzjoni ta' ġonna, *promenades* u *belvederes* u ssir il-manutenzjoni tal-25 km ta' swar li diġà nbeda x-xogħol fuqhom.

300. Jiġi żviluppat *car park* modern fil-foss ta' San Ġwann u jkunu stallati lifts panoramiċi li jgħaqqdu n-naħa tax-xatt tal-Belt Valletta mal-foss u l-foss ma' pjazza Ħelsien u mal-Barakka ta' Fuq. Il-Lifts ikunu ħolqa importanti f'esperjeza ġdida ta' mobbiltà u aċċessibbiltà meta jkunu integrati mal-ßta' l-elettriku u l-*Park and Ride* fil-Blata l-Bajda.

**Tisħiħ ta' l-ilsien Malti**

301. Jiġi organizzat kors tat-tagħlim tal-Malti fuq it-televiżjoni li jkun jista' jintbagħat barra minn Malta għal trasmissjoni fuq stazzjonijiet televiżivi fejn hemm komunitajiet kbar ta' emigranti Maltin.

302. Tiġi studjata l-possibbiltà li jsir xandir Malti permezz tas-satellita għal turisti u għal Maltin li jgħixu barra.

**Istitut Kulturali Malti fl-Awstralja**

303. Jitwaqqaf proġett pilota ta' Istitut Kulturali Malti fl-Awstralja bl-iskop li jxerred il-kultura Maltija bi staff professjonali permanenti.

**Titnieda Konvenzjoni ta' l-Emigranti**

304. Jibdew it-tħejjijiet sabiex, fl-okkażjoni tal-ħamsin anniversarju mill-Indipendenza ta' Malta fl-2014 tiġi organizzata Konvenzjoni ta' l-Emigranti Maltin li tlaqqa' hawn Malta għadd kbir ta' emigranti Maltin fl-istess ħin.

**Il-festi, parti mit-tradizzjoni tagħna**

305. Isir djalogu mal-Kunsilli Lokali, il-Kappillani fil-Parroċċi, il-Kumitati tal-Festi u l-Kumitati tal-Baned lokali biex jiġi studjat l-aħjar mod kif jiġu mgħejjuna l-festi lokali li barra l-aspett reliġjuż iservu wkoll bħala attrazzjoni turistika importanti u attività kulturali karatteristika ta' pajjiżna.

306. Titnieda skema, li tibni fuq għajnuniet preżenti, ta' għajnuna finanzjarja għall-każini ta' baned lokali biex tgħinhom fit-taħriġ u t-tagħlim mużikali taż-żgħażagħ.

307. Tingħata spinta lill-organizzazzjoni tar-regatta sabiex jissaħħaħ l-interess fiha kemm mill-pubbliku Malti kif ukoll mit-turisti hawn Malta u anki minn barra minn Malta.

**Il-ħajja fil-lokalitajiet: qabża ta' kwalità fil-Kunsilli Lokali**

308. Jingħataw finanzi biżżejjed biex il-Kunsilli Lokali jibqgħu jiffunzjonaw tajjeb u jkunu kapaċi jwettqu proġetti speċjali, b'mod partikolari l-ambjent ta' madwar il-knejjes fl-ibliet u rħula.

309. Jitwettqu programmi ta' taħriġ għall-Kunsilliera eletti.

310. Wara s-suċċess ta' numru ta' kunsilli lokali fl-użu ta' fondi ta' l-Unjoni Ewropea, id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali iwaqqaf taqsima biex jgħin lill-kunsilli fl-applikazzjonijiet biex jinkisbu fondi mill-Unjoni Ewropea.

# Għawdex: ġojjel tal-gżejjer Maltin

Biex il-viżjoni tagħna li se twassalna għas-sena 2015 tgħodd għal Għawdex ukoll qed nipproponi pakkett ta' miżuri speċjalment għal Għawdex.

**Biex l-ekonomija Għawdxija tkompli tikber u jinħoloq aktar xogħol**

311. Insaħħu l-impjiegi fis-settur tal-manifattura, speċjalment dawk relatati ma' prodotti innovattivi, artiġjanali, agrikoli u dawk li jipprovdu valur miżjud.

312. Inkomplu ntejbu l-pakketti ta' inċentivi speċifiċi għal Għawdex offruti mill-Gvern filwaqt li jitwaqqaf *business incubation centre* fit-teknoloġija ta' l-informatika u l-innovazzjoni.

313. Inkomplu nattiraw xogħol ta' *back office* pubbliku u privat, kumpaniji fis-setturi tas-servizzi u ta' l-ICT.

314. Niżviluppaw l-ewwel faċilità ta' *open-air studio* għall-produzzjoni tal-films.

315. Titwaqqaf pixkerija f'Għawdex.

**Inwessgħu u ntejbu l-prodott turistiku**

316. Għawdex ikun mudell ta' żvilupp sostenibbli fil-qasam tat-turiżmu, mibni fuq l-identità ta' gżira ekoloġika. Tingħata prijorità għal agrituriżmu, mużewijiet ħajjin dwar il-ħajja, snajja' tradizzjonali, trejqiet fil-kampanja, il-portijiet tas-sajd u s-sajd artiġjanali, faċilitajiet għall-*cruise liners,* faċilitajiet għat-turiżmu sportiv, turiżmu ta' konferenzi u l-patrimonju Għawdxi.

317. Tissebbaħ id-dehra tad-daħla tal-Belt Victoria b'ċentru ta' akkoljenza għat-trasport pubbliku, traffiku u turiżmu filwaqt li jiġu introdotti aktar żoni pedonali.

318. Jitfassal u jibda jiġi implimentat pjan għall-kosta mill-bajja ta' San Blas fin-Nadur sa Wied l-Għasri, li jinkludi wkoll il-bajja tar-Ramla, Marsalforn u x-Xwejni, biex jitjieb il-prodott turistiku, jitgawda l-ambjent naturali ta' l-inħawi, u jinħolqu attrazzjonijiet ġodda.

319. Jiġi implimentat il-*Master Plan* għaċ-Ċittadella u l-proġett ta' konservazzjoni fit-Tempji tal-Ġgantija li jinkludi l-iżvilupp ta' esperjenza unika dwar il-preistorja.

320. Fil-Port ta' l-Imġarr tissaħħaħ l-infrastruttura għall-irmiġġ ta' *cruise liners* u ssir estenzjoni tal-*yacht marina.*

**Għawdex b'ambjent mudell**

Għawdex isir "gżira ekoloġika" bi proġett "Eko-Għawdex" li jwassal biex il-gżira ssir mudell fl-iżvilupp sostenibbli u l-ħarsien ta' l-ambjent. Dan isir billi:

321. Għawdex jiġġenera l-enerġija kollha bl-użu ta' sorsi alternattivi.

322. Għawdex isir gżira organika fil-qasam ta' l-agrikultura.

323. Issir promozzjoni ta' eko-turiżmu u agro-turiżmu.

324. Jitwettaq pjan integrat għall-immaniġġjar ta' l-ilma u riżorsi naturali oħra, fosthom il-ħażna ta' l-ilma tax-xita, il-protezzjoni tal-ħamrija mill-erożjoni u afforestazzjoni.

325. Jinbeda bi progett pilota ta' villaġġ Għawdxi li jservi bħala mudell ta' l-enerġija nadifa, ta' l-użu ekonomiku ta' riżorsi bħall-ilma, ta' l-immaniġġjar ta' l-iskart, tal-kontroll tat-tniġġiż ta' l-arja, il-ħsejjes, l-ilma u l-baħar, kif ukoll ta' l-agrikultura u ta' l-arkitettura ideali għall-Malta. Dan il-proġett għandu jsir bl-għajnuna ta' fondi ta' l-Unjoni Ewropea u b'assoċjazzjoni pubblika u privata u eventwalment jista' jiġi estiż għal Għawdex kollu.

326. Il-Farm Sperimentali tal-Gvern isir ċentru Mediterranju fir-Riċerka, Żvilupp u Innovazzjoni fil-kamp ta' l-agrikoltura, prodotti tradizzjonali u protezzjoni ta' l-ispeċi lokali, servizzi ta' pariri lill-bdiewa u r-raħħala, u ċentru ta' attrazzjoni agro-turistika.

**Servizzi innovattivi fit-trasport**

327. Titwettaq riforma u jiġu introdotti servizzi innovattivi fis-servizz ta' trasport pubbliku madwar Għawdex bil-għan li jsir iktar nadif, aċċessibbli u effiċjenti.

328. Jissaħħaħ servizz ta' trasport bl-ajru minn u lejn Għawdex b'mod li jkun vijabbli u sostenibbli.

**Edukazzjoni: Ninvestu aktar f'uliedna**

329. Tinbena skola sekondarja ġdida għall-bniet u bini ta' skola primarja ġdida għar-Rabat.

330. Jingħataw inċentivi għal studenti Għawdxin li jagħżlu li jsegwu korsijiet ta' livell terzjarju b'rabta mal-miri strateġiċi tal-Gvern għall-iżvilupp t'Għawdex.

**Qasam soċjali u saħħa: Naħsbu f'kulħadd**

331. Jinbnew numru ta' *units* residenzjali ġodda f'Għawdex għall-akkomodazzjoni soċjali.

332. Jingħataw servizzi ta' sapport professjonali fl-oqsma tas-saħħa u edukazzjoni fl-*Adult Training Centre*, f'Sannat *Special Unit*, u fl-iskejjel tal-Gvern, għall-bżonnijiet individwali ta' persuni b'diżabbiltà.

333. Tiddaħal sistema ta' *records* u *medical files* elettroniċi fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex li jkunu magħquda u kompatibbli ma' l-Isptar Mater Dei.

**Nizviluppaw ċentru ta' faċilitajiet sportivi**

334. Jiġi żviluppat ċentru ta' faċilitajiet sportivi fl-inħawi magħrufa bħala Ta' Xħajma, li jinkludi r-rinnovazzjoni tal-korsa taż-żwiemel eżistenti u faċilitajiet ġodda għall-isport, inkluż pixxina.

**Amministrazzjoni effiċjenti għal Għawdex**

335. Għawdex jiġi allokat 10% tal-fondi li jmissu l-pajjiż mill-Unjoni Ewropea sabiex jintużaw għall-iżvilupp soċjali u ekonomiku tal-gżira Għawdxija.

336. Jitwaqqaf uffiċċju f'Għawdex li jiffaċilita u jgħin sabiex Kunsilli Lokali, għaqdiet mhux governattivi, is-settur privat u dak pubbliku jagħmlu l-aħjar użu sħiħ mill-programmi ta' finanzjament u għajnuna ta' l-Unjoni Ewropea.

337. Jiġi ristrutturat il-Ministeru għal Għawdex sabiex ikun f'pożizzjoni aħjar li jilqa' l-isfidi fil-futur u jipprovdi s-servizzi lill-pubbliku b'mod aktar effiċjenti u effettiv.

338. Jitwaqqaf direttorat ġdid fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex għall-promozzjoni tat-turiżmu f'Għawdex bħala destinazzjoni distinta. Id-direttorat jikkoordina d-diversi setturi li jaffettwaw it-turiżmu f'Għawdex u jieħu inizjattivi ġodda sabiex jiġi mmassimizzat il-potenzjali turistiku Għawdxi.

339. Tissaħħaħ il-kapaċità ta' l-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika għar-rigward ta' firxa iktar wiesgħa ta' statistika marbuta ma' Għawdex.

# Malta tiżboq iċ-ċokon b'sehem kreattiv f'dinja li saret raħal wieħed

Waħda mill-aktar affarijiet li tkidd liż-żgħażagħ tagħna hija ċ-ċokon. Ċokon mhux biss fl-ispazju iżda wkoll fil-mentalità. Il-PN dejjem għaraf li Malta għandha tiżboq iċ-ċokon tagħha b'sehem kreattiv f'dinja li llum saret raħal wieħed. Huwa għalhekk li l-PN dejjem ħaddan politika barranija li fittxet fl-istess ħin li tisfrutta l-vantaġġi filwaqt li tegħleb l-iżvantaġġi taċ-ċokon tagħna.

F'dinja li saret raħal wieħed, bosta sfidi ġejjin minn barra. Kunflitti f'reġjuni fl-Afrika jissarrfu f'żieda ta' immigranti lejn l-Ewropa. Insemmu l-inċertezza ekonomika kbira li d-dinja għaddejja minnha bħalissa. L-isfida tal-prezz taż-żejt u dan l-aħħar tal-prezz ta' l-ikel. Sa ftit ilu kien donnu ma nistgħu nagħmlu xjen.

Ilum qegħdin f'pożizzjoni aħjar li niffaċċjaw dawn l-isfidi. Mhux biss qegħdin fl-Ewropa u saħħaħna l-vuċi tagħna daqs qatt qabel, iżda bil-mezzi tal-komunikazzjoni ġodda li jgħaqqduna mad-dinja qegħdin dejjem aktar negħlbu ċ-ċokon tagħna u l-iżolament ġeografiku tagħna.

Irridu nissuktaw fit-triq li qbadna, b'sehem attiv bħala pajjiż Mediterranju fil-qalba ta' l-għaqda Ewropea li dejjem lest joħroġ bi proposti kreattivi fix-xena internazzjonali.

**Ir-reġjun Ewro-Mediterranju li ngħixu fih**

340. Nibqgħu nagħtu sehem attiv favur il-paċi fil-Lvant Nofsani grazzi għall-kredibbiltà u r-rispett li ngawdu llum fir-reġjun.

341. Inkomplu nsaħħu sehem Malta fil-politika ta' l-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-Mediterran permezz tal-proċess ta' Barċellona. Naħdmu b'mod partikolari biex insaħħu l-impenn tal-pajjiżi kollha Mediterranji favur il-ġlieda kontra t-tniġġiż u l-ħarsien ta' l-ambjent ta' dan il-baħar kif ukoll favur koordinazzjoni akbar fil-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali.

342. Nibbażaw fuq il-politika Mediterranja ta' l-Unjoni Ewropea biex il-kummerċ ta' pajjiżna jkompli jikber fir-reġjun speċjalment fil-qasam tas-servizzi li issa dwarhom bdew taħdidiet mal-pajjiżi ġirien ta' l-Unjoni fuq kif għandhom jiġu liberalizzati aktar.

343. Nisfruttaw it-tradizzjoni marittima tagħna fir-reġjun billi nipproponu t-twaqqif ta' strutturi għal kooperazzjoni u ggvernar fil-Mediterran fl-oqsma tas-sajd, rotot tal-passaġġi tal-vapuri u affarijiet marittimi oħra.

**L-Unjoni Ewropea li aħna parti minnha**

344. Inkomplu nisfruttaw sal-massimu s-sħubija fl-Unjoni Ewropea billi, permezz tal-kredibbiltà u r-rispett li ngawdu llum, niżguraw li pajjiżna jkompli jakkwista u jgawdi l-frott ta' sħubija f'kull qasam, inkluż il-pakkett finanzjarju ta' kważi biljun ewro.

345. Nibqgħu nagħtu sehemna fil-proċess ta' l-għaqda Ewropea, aktar u aktar issa li ninsabu fil-qalba ta' l-Ewropa bħala pajjiż membru taż-Żona Ewro u taż-Żona Schengen. Dan ifisser li ma jintmissx il-pakkett ta' sħubija, kif irid jipprova jagħmel il-Partit Laburista, għax dan jipperikola dak kollu li bnejna f'dawn l-aħħar erba' snin.

346. Nagħtu sehem attiv b'mod partikolari f'oqsma fejn nistgħu nagħtu kontribut speċjali, bħal fil-qasam marittimu, fejn diġà qed jirnexxielna nsaħħu l-importanza tal-baħar fil-politika ta' l-Unjoni Ewropea.

347. Naħdmu biex titwaqqaf f'Malta aġenzija ta' l-Unjoni Ewropea f'settur partikolari.

**Il-qasam internazzjonali**

348. Inkomplu naħdmu mal-pajjiżi ġara tagħna sabiex jintlaħaq ftehim dwar il-delineazzjoni tal-konfini marittimi magħhom u fl-istess waqt jitkomplew l-isforzi fit-tfittxija għaż-żejt, kemm waħedna kif ukoll magħhom.

349. Wara li kien pajjiżna li ħareġ l-ewwel bl-idea li d-dinja għandha tindirizza l-isfida tat-tibdil fil-klima, inkomplu nsaħħu s-sehem attiv tagħna f'dan il-qasam u nsostnu miżuri għall-ġlieda kontra l-bidla fil-klima fuq livell globali. Hu magħruf li l-bidla fil-klima se jkollha effetti negattivi fuq id-dinja kollha iżda b'mod partikolari fuq ir-reġjun tal-Mediterran li, hekk kif isir ferm aktar sħun, jista' jitlef ħafna mill-attrazzjoni turistika tiegħu.

350. Inkomplu nimbuttaw inizjattivi bħal per eżempju, dawk li jindirizzaw it-tniġġiż mis-settur tat-trasport marittimu. Meta nieħdu sehem attiv f'dawn it-tipi ta' inizjattivi nieħdu wkoll vantaġġi diretti peress li parti mill-fondi għal dawn l-inizjattivi, bħal fir-riċerka ta' mezzi teknoloġiċi biex it-trasport ikun aktar nadif, jistgħu jiġu allokati għal inizjattivi Maltin.

351. Jinħoloq f'Malta ċentru li jippromwovi l-*open access* fil-kamp ta' l-informatika u t-tiġdid ta' l-iggvernar ta' l-internet (*internet governance*). Is-sistemi ta' l-*open access* huma għad-dinja ta' l-internet dak li huma l-kooperattivi fil-qasam tad-dinja rurali u dak li huma l-kunsilli tal-ħaddiema fid-dinja industrijali.

352. Noħolqu l-faċilitajiet biex ikun hemm Parlament Virtwali fi ħdan il-*Commonwealth*, jiġifieri li l-parlamentari tal-pajjiżi tal-*Commonwealth* ikollhom il-faċilitajiet li jiskambjaw l-ideat bejniethom permezz ta' sistema mħaddma fuq l-internet.

353. Inwettqu impenn fost stati li huma gżejjer żgħar bħalna biex jiġu żviluppati soluzzjonijiet ambjentali li jirrispettaw il-ħtiġijiet partikolari tagħhom. Irridu li l-istati gżejjer jaħdmu aktar flimkien fil-qasam internazzjonali biex jiġu mħarsu l-interessi tagħhom quddiem sfidi globali, bħat-tibdil fil-klima.